# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 413 | OTTUBRU 2021 | IL-41 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

NEWSPAPER POST | ISSN 1811-5373

## Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek



# WERREJ


3 **Abortion in Malta? Not in my name**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

6 **San Ġorġ Preca u d-devozzjoni tiegħu lejn San Ġużepp (It-2 Parti)**
ROBERT ALOISIO

9 **POEŻIJA - Lil San Franġisk t'Assisi**
ĠORĠ PISANI

10 **Għajnuna sopranaturali mibnija fuq il-Bibbja (It-2 Parti)**
MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

13 **Riċensjoni tal-Ktieb - Is-7 Sinjali skont l-Evanġelista San Ġwann**
REV. DR MARTIN MICALLEF

16 **Xogħlijiet u skavi għas-sejba tal-qabar qabel is-sena 1818**
FR ALFRED CALLEJA OFMConv

18 **Mitt sena mill-ftuħ tal-ewwel Parlament f'Malta (L-1 Parti)**
JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

20 **Ħuna Fr Mark Scicluna OFMcap saċerdot ġdid fi ħdan il-knisja u fil-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta - 8 ta' Mejju 2021**

24 **POEŻIJA - Il-laqgħa ta' San Duminku u San Franġisk**
DUN KARM PSAILA

24 **POEŻIJA - Evviva San Franġisk!**
KAV. JOE M. ATTARD

25 **Aktar dwar il-bilokazzjonijiet tal-Qaddis Patri Piju tal-Pjagi (Ir-4 parti)**
VINCENT VELLA OFS

28 **Mill-ġdid wara 79 sena**

29 **Il-Leġġendi minn Għawdex**
JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

32 **Aħbar li ma tantx għamlet aħbar**
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

34 **Ħelu ta' San Franġisk ta' Assisi**
FR PAUL BUGEJA OFMCap

35 **Kompetizzjoni**
FR WISTIN ATTARD OFMCap





## Ħsieb tal-faċċata

Aktar mis-soltu matul ix-xahar ta' Ottubru, ix-xahar li fih niċċelebraw il-festa ta' San Farnġisk L'Assisi, nagħmlu tagħna t-talba tiegħu sabiex bħalu u bl-għajnuna tiegħu lkoll inkunu tassew STRUMENTI TAL-PAĊI F'IDEJN ALLA. Strument ta' paċi jfisser li tgħix ukoll il-messaġġ marbut mal-Editorjal: "li nibnu fina kultura favur il-ħajja billi qatt ma nkunu favur abort".


## Bord Editorjali

**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - A.Flame

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il Furjana - FRN1211

**Telefown:** 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

**IISN 1811-5373**

**Disinn u Stampar:**
Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789



**© Dawl Franġiskan 2021**



**Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**

**Ħlas tal-Abbonament:**
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# Abortion in Malta? Not in my name

*Għar-raba' darba f'dan l-editorjal tiegħi qed nippreżentalkom l-istess suġġett, li diġà ktibt dwaru fl-aħħar tliet editorjali tiegħi f'din ir-rivista* Dawl Franġiskan. *Għażilt li nieħu din id-deċiżjoni mhux għax m'hemmx suġġetti oħrajn interessanti fuqiex nikteb. Nemmen li bħalissa dan huwa wieħed mis-suġġetti li għandu jiġbed l-akbar interess, aktar u aktar meta nafu li qed jiġi diskuss mhux biss fil-pjazez u d-djar tagħna imma anke fil-Parlament Malti, bi proposta li tressqet favur id-dekriminalizzazzjoni tal-abort.*

Nixtieq inrodd ħajr lil dawk il-persuni, li mhumiex ftit, li għamluli kuraġġ sabiex inkompli nikteb fuq is-suġġett tal-abort. Inkompli nwassal mhux biss l-aspett ta' ħażen kontra l-istess umanità, meta omm tasal biex toqtol frott ġufha, imma wkoll l-aspett tad-dnub, għax imur kontra l-liġi ta' Alla. Inkomplu nwasslu l-leħen tagħna bħala Knisja, nevanġelizzaw billi nagħtu katekeżi favur il-ħajja tal-bniedem sa mill-bidu tat-tnissil tagħha fil-ġuf tal-omm sal-mewt naturali.




Nixtieq inkompli nikteb fuq dan is-suġġett, aktar u aktar wara li nhar l-24 ta' Ġunju 2021 l-hekk imsejjaħ MATIĆ REPORT ġie approvat mill-Parlament Ewropew. Għalkemm dan ir-rapport jistqarr li "l-abort huwa dritt fundamentali", però ma jorbotx lill-Istati Membri sabiex bilfors jaċċettawh u jimxu fuqu. F'dan ir-rapport ġiet ukoll miċħuda l-objezzjoni tal-

kuxjenza għat-tobba meta jiġu msejħa biex iwettqu qtil ta' tarbija f'ġuf ommha. Jiddispjaċina ferm li f'din il-votazzjoni kien hemm membri ta' dawk li nsejħulhom partiti popolari bi twemmin Nisrani li vvutaw favur. Veru li llum ma tista' tafda f'ħadd! Filwaqt li nifirħu lit-3 membri Ewroparlamentari Maltin li vvutaw kontra dan id-dokument, jiddispjaċina ngħidu li kien hemm 2 minnhom li astjenew u ieħor li vvota favur. Interessanti dak li kien jgħid l-Ex President tal-Amerika: "Kull min jitkellem fuvur l-abort ikun diġà twieled."

## Fil-kuntest tal-COVID-19

*Nixtieq li fl-isfond ta' dawn l-editorjali li qed inwasslilkom favur il-ħajja, kontra l-abort, naqsam magħkom esperjenza personali li f'dan il-kuntest fiha sens u messaġġ. Dawn ktibthom meta jiena wkoll kont u għadni għaddej nissielet bejn ħajja u mewt. Ħafna minnkom jafu li ili dieħel u ħiereġ l-isptar minn Frar ta' din is-sena. Fil-bidu ta' Frar ġejt maħkum mill-COVID-19. Kont ferm gravi. Għaddejt 20 jum l-isptar, ħamest ijiem minnhom fl-ITU, nissielet bejn ħajja u mewt. Grazzi lil Dr George Grech u lil Mr Dr Tonio Piscopo, flimkien mat-team tiegħu u l-kura li tawni. Għaddieli u ġejt mibgħut il-kunvent imfejjaq. Imma f'nofs Mejju t-tobba skoprew li għalkemm issa kont negattiv għall-COVID-19, dan kien attakkali qalbi. Kelli ngħaddi mill-esperjenza iebsa u twila bl-uġigħ kollu li ġġib magħha ta' operazzjoni fil-qalb: żewġ bypasses. Domt xahar l-Isptar Mater Dei. Ħajr lil Mr Dr Walter Busuttil u t-team tiegħu kollu. Issa qiegħed lura l-kunvent, inkompli nirkupra bil-mod.*

*Li nikteb erba' editorjali favur il-ħajja u s-sbuħija tagħha f'perjodu meta jiena stess qed nagħmel esperjenza ta' ħajja jew mewt, ta' tbatija u wġigħ, fiha t-tifsira nobbli tagħha, il-valur tagħha. Kien hemm tobba li sejħuli 'Covid survivor' u anke 'Covid miracle'. Huma x'inhuma ċ-ċirkustanzi l-aktra iebsa li l-bniedem jista' jgħaddi minnhom, il-ġlieda favur il-ħajja trid dejjem tirbaħ kull prijorità u valur assolut.*

## Nikkundannaw id-dnub imma mhux lill-midneb

Ġesù fl-Evanġelju, bl-eżempji tiegħu u bi kliemu, jgħallimna li fil-ħajja tagħna bħala Nsara – dixxipli tiegħu – qatt m'għandna niġġudikaw u wisq inqas nikkundannaw lill-midneb. Nikkundannaw id-dnub bħala ħażen li jmur kontra l-pjan tal-imħabba ta' Alla iva, imma lill-midneb qatt, anzi nħobbuh, naħfrulu, nitolbu għalih, ngħinuh u nitolbu għalih. Dan għandu jkun l-atteġġjament tagħna quddiem kull mara-omm li mqar għal xi mument jgħaddilha xi ħsieb minn moħħha li twettaq l-abort. Hekk jiena hawnhekk, b'dan li qed nikteb: il-ħsieb tiegħi mhuwiex li niġġudika jew nikkundanna, imma biss li nevanġelizza fis-sens li flimkien nitgħallmu l-verità u flimkien bħala soċjetà nbiegħdu minna kull dnub, kull ħażen.

## Dekriminalizzazzjoni tal-abort

Bħalissa meta nitkellmu dwar l-abort qed isir diskors li fih jissemma l-kliem 'dekriminalizzazzjoni tal-abort'. Dan ifisser



li meta mara b'mod volontarju twaqqaf it-tqala tagħha, hi u min jgħinha b'mod indirett, u dawn jinqabdu mill-Ġustizzja, ma jiħdux is-sentenza tal-ħabs marbuta mal-liġi ta' Malta. Tagħmel att kriminali skont il-liġi imma tiġi meħlusa mill-konsegwenza marbuta mal-istess liġi.



Il-*Malta Today*, matul dawn l-aħħar xhur, għamlet survey u r-riżultat kien li l-maġġoranza tal-Maltin u l-Għawdxin huma kontra dan it-tip ta' dekriminalizzazzjoni fejn jidħol l-abort. 66.9 % ma jaqblux mad-dekriminalizzazzjoni meta t-tqala fil-ġuf titwaqqaf, filwaqt li 18% huma favur u 15.1% għadhom inċerti.

Dan is-survey sar bejn il-31 ta' Mejju u l-4 ta' Ġunju, jiġifieri tliet ġimgħat wara li l-membru parlamentari indipendenti Marlene Farrugia ppreżentatu bħala proposta parlamentari, emenda għal-liġi bil-għan li l-abort jitneħħa mill-kodiċi kriminali ta' pajjiżna. Nixtieq minn hawn infaħħar it-tweġiba li fl-istess parlament ta l-membru parlamentari Clyde Puli. Hawnhekk stennejt li dan jingħata applaws miż-żewġ naħat tal-Kamra tad-Deputati. Imma kien hemm silenzju.

## Logħob tal-kliem

Jiena nemmen li jekk naslu biex nagħmlu dan, inkunu qed nilagħbu bil-liġi. Huwa logħob tal-kliem. L-ewwel nagħmillek il-liġi u fl-istess nifs ngħidlek, 'Imma jekk tiksirha l-Ġustizzja ma tfittxekx.' Immaġinaw, għeżież qarrejja, li kieku dan il-prinċipju kellu jiġi applikat għal atti kriminali oħra, x'taħwid u abbużi jkollna! Sakemm il-Qorti tifhimha hekk, quddiem att kriminali minuri, li għamiltu l-ewwel darba, mhux għalkollox tort tiegħek (bħalma huwa ħafna drabi fil-każ tad-droga) tasal biex tifhem li l-maġistrat jaħfer, jagħti ċans, jibagħtek għall-programm ta' riabilitazzjoni u mhux il-ħabs. Imma li nagħmlu hekk quddiem qtil ta' tarbija innoċenti, quddiem l-abort, inkunu tassew qed nilagħbu bil-liġi. Noħolqu aktar abbużi u qatt ma nwasslu messaġġ ta' gravità u responsabiltà quddiem dan l-att ta' qtil. B'dan il-mod l-abort jiżdied u mhux jonqos. U fuq kollox jidher ċar li min qed jipproponi din il-proposta ta' dekriminalizzazzjoni tal-abort nara li qed jagħmel tentattiv ippjanat u malizzjuż sabiex tinfetaħ l-ewwel tieqa ħalli f'Malta jidħol l-abort. *Il-Mulej jagħtikom is-sliem!*





ROBERT ALOISIO

# San Ġorġ Preca u d-devozzjoni tiegħu lejn San Ġużepp (It-2 Parti)

Ninsabu fis-sena ddedikata lil San Ġużepp. Din hija inizjattiva tal-Papa Franġisku bil-għan li nfakkru l-150 anniversarju minn mindu l-Papa Piju IX kien ipproklamah bħala Patrun tal-Knisja Universali (8 ta' Diċembru 1870). Il-Papa Franġisku qed iħeġġiġna sabiex inkattru fina d-devozzjoni tagħna lejn dan il-qaddis billi tana ittra appostolika bl-isem *Patris corde – B'qalb ta' missier.* Matul l-istorja tal-Knisja niltaqgħu mhux biss ma' papiet li kienu devoti lejn San Ġużepp imma wkoll ma' diversi qaddisin. Fosthom f'dan l-artiklu sejrin inkomplu nwasslulkom aktar tagħrif dwar id-devozzjoni li l-qaddis Malti Dun Ġorġ Preca kellu lejn l-għarus ta' Marija u l-missier putattiv ta' Ġesù. Diġà wassalnielkom l-ewwel parti ta' dan it-tagħrif, u llum sejrin nissuktaw nagħtukom aktar materjal dwar dan is-suġġett, li għandu jkun ta' interess għalina, aktar u aktar bħala Maltin.

## Il-ktieb *San Ġużepp*

Il-ktieb *San Ġużepp* ta' San Ġorġ Preca, ktejjeb ta' devozzjoni u meditazzjoni fuq San Ġużepp, fih wieħed u tletin ħsieb qasir fuq dan il-qaddis, biex jinqraw wieħed kuljum matul ix-xahar ta' Marzu, ix-xahar dedikat lil dan il-qaddis. Dan il-ktieb kien "il-paġna tax-xahar" ta' Marzu biex tinqara mis-soċji tal-MUSEUM fl-assenjatur (il-laqgħa tagħhom ta' kuljum).




Il-kontenut ta' dan il-ktieb Preca jieħdu l-aktar mill-Vanġelu, iżda huwa jħaddem l-immaġinazzjoni tiegħu biex min jaqra jew jisma' dak li qed jinqara jieħu gost bl-ilwien letterarji u s-sentimenti li jesprimi l-awtur, kif jidher fost l-oħrajn fil-paġna tas-7 ta' Marzu:

"San Ġużepp kien qiegħed jistenna b'ħerqa kbira li jara s-Salvatur tad-dinja, li kien ilu moħbi diġà disa' xhur fil-ġuf verġinali ta' Marija Santissima. Kien persważissimu li kien Alla inkarnat dan li kellu joħroġ u jsaltan għal dejjem fid-dar ta' Ġakobb. Ara l-mument. F'nofsillejl ġewwa l-għar ta' Betlehem il-Verġni Imbierka ġġib fid-dinja l-mixtieq minn tant sekli, u wara li nfaxxatu qegħditu fil-maxtura."

"U hija flimkien ma' San Ġużepp ma kinux jafu jaqilgħu għajnejhom mill-wiċċ tal-imwieled Messija. Wiċċ ta' tarbija li, billi għadha kemm twieldet, kien jiftaħ u jagħlaq l-għajnejn suwed tiegħu u kien jitfagħhom lejn min kien tant amorożament viċin tiegħu. L-ewwel għajnejn li raw is-saħħa ta' Alla u l-ewwel uċuħ li ra Alla inkarnat kienu dawn ta' San Ġużepp u ta' Marija Santissima."

Il-ktejjeb hu mqassam f'invitatorju (stedina), l-oġġett tal-istudju, talba lil San Ġużepp u l-istrofa *Salve Sancte Joseph*. Fit-talba lil San Ġużepp Dun Ġorġ isejjaħ lil dan il-qaddis biex jitlob lil Alla għalina ħalli jagħtina xi virtù skont it-tagħlim li nkunu qrajna. Drabi oħra hu jistedinna nitolbu lil San Ġużepp biex jidħol għalina quddiem Alla ħalli nersqu iżjed lejn Ġesù u nimitawh u nħobbuh.

Dan il-ktieb reġa' ħareġ fl-1997. F'din l-edizzjoni ġdida żdiedu wkoll kitbiet oħra tiegħu fuq l-istess suġġett.

## San Ġużepp u d-dnub tan-nisel

Sforz l-imħabba li Dun Ġorġ kellu għal San Ġużepp, hu kien jgħid li, jekk ma jkollux xi projbizzjoni min-naħa tal-Knisja, ma jsibx diffikultà jgħid li San Ġużepp kien, bħall-Madonna, mingħajr id-dnub tan-nisel. Preca kien jaqbel ħafna mat-tagħlim li ta dwar San Ġużepp il-Franġiskan San



Bernardinu ta' Siena, għax jidher li dan hu xieraq għad-dinjità li kellu dan il-qaddis.

Imma lil Dun Ġorġ kienu jiġuh qishom bħal skrupli dwar dan, għax il-Knisja qatt ma ddikjarat ruħha fuq hekk. Mhux biss, hu beża' li seta' ma jkunx eżatt fi kliemu, għax il-Papa Piju IX, fid-definizzjoni tal-Immakulata, kiteb fil-bolla li dan kien privileġġ singulari. Għalhekk wara li fil-ktieb *San Ġużepp* hu kien kiteb dwar it-tnissil tiegħu bla dnub tan-nisel, iżjed tard inġiebet nota fil-*Kalendarju Museumin* biex dik il-parti titħalla barra. Dun Ġorġ, għalkemm mimli bi mħabba lejn San Ġużepp, kien jibża' ħafna li ma jaqbilx mal-Knisja.

## San Ġużepp mudell għall-Insara kollha

San Ġorġ Preca kien iħobb iqim lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali, kien ipoġġih bħala xempju għall-familji tagħna u kien jgħallem li hu l-qaddis protettur tal-moribondi.

Fil-*Programm Speċjali ta' San Ġużepp*, Preca jikteb: "Jekk San Ġużepp huwa mudell għall-Insara kollha, però b'mod speċjali huwa għas-saċerdoti, li bl-idejn ikkonsagrati tagħhom jittrattaw l-istess Ġesù Kristu, li hu b'tant venerazzjoni kien iqim fuq id-dirgħajn kastissimi tiegħu; huwa wkoll mudell għall-ġenituri li għadhom irabbu 'l uliedhom bl-edukazzjoni tar-ruħ u tal-ġisem, billi San Ġużepp għamel tant kura lejn Kristu Ġesù, l-Iben putattiv tiegħu; huwa wkoll għall-miżżewġin, li għandhom jinħabbu b'għajnuna sinċiera lejn xulxin, bħalma San Ġużepp kien jirrispetta b'tant qima tal-qalb lil martu Marija Santissima u b'tant fedeltà lejha.

"Huwa wkoll mudell għall-ħaddiema, li għandhom jitħarrġu fix-xogħol għall-manteniment tagħhom u ta' wliedhom, għax San Ġużepp kien ħaddiem u ma kienx jabborri x-xogħol, u taħt l-għajnejn tal-pajżani tiegħu bl-onestà kollha mingħajr mistħija kien f'ħanutu jagħmilha ta' mastrudaxxa; huwa wkoll għat-tribulati, li għandhom jissaportu s-salib li Alla fil-ħniena infinita tiegħu u fil-providenza tiegħu jiddisponi fuqhom; infatti San Ġużepp ġarrab duluri tassew ħorox fil-qalb tiegħu għall-kawża ta' Ġesù u ta' Marija Santissima.

"Iva, San Ġużepp huwa mudell għal kull serv fidil t'Alla, għax fih kien hemm kull xorta ta' virtù, u ma jistax jonqos xħin l-Ispirtu s-Santu fil-Vanġelu espressament sejjaħlu 'bniedem ġust', mentri ma kienx isejjaħlu hekk kieku f'San Ġużepp kienet nieqsa xi virtù."



## Xebh mal-ittra tal-Papa Franġisku

Jekk wieħed jaqra sew l-ittra *Patris Corde* li ħareġ il-Papa Franġisku fi tmiem is-sena l-oħra ma jistax ma jinnutax xebh kbir mal-enfasi li jagħti San Ġorġ Preca fil-mod kif jittratta l-figura ta' San Ġużepp. Ħafna mit-titli li Franġisku jagħti lill-kapitli tal-ittra appostolika tiegħu, "Missier maħbub", "Missier fil-ħlewwa" (li Preca jsejħilha 'manswetudni'), "Missier fl-ubbidjenza", "Missier li jilqa'", "Missier ta' kuraġġ kreattiv", "Missier Ħaddiem" u "Missier fid-dell", kif rajna, huma temi favoriti wkoll tal-fundatur tal-MUSEUM fil-kitbiet tiegħu.

Intemmu din is-sensiela ta' żewġ artikli b'żewġ talbiet. L-ewwel waħda tal-Papa Franġisku, li biha jtemm l-ittra *Patris Corde*, u fl-aħħar dik ta' San Ġorġ Preca.

*Sliem għalik, ħarries tal-Feddej*
*u għarus tal-Verġni Marija.*
*Lilek Alla fdalek lil Ibnu;*
*fik Marija qiegħdet il-fiduċja tagħha;*
*miegħek Kristu trawwem*
*bħala raġel adult.*
*O mqaddes Ġużeppi,*
*kun missier għalina wkoll*
*u mexxina fit-triq tal-ħajja.*

*Aqlgħalna l-grazzja, il-ħniena u*
*l-kuraġġ*
*u ħarisna minn kull deni. Ammen.*

**(Il-Papa Franġisku, 2020)**

*O San Ġużepp, ħadd ma jirrikorri għand*
*ħadd jekk ma jkunx għarfu setgħani li jagħtih*
*l-għajnuna, u li fih hemm qalb tajba.*
*Issa, mela, aħna nirrikorru lejk, għax aħna fik*
*rajna dawn iż-żewġ ħwejjeġ.*

*Inti tassew għani fil-potenza,*
*għax inti int il-kap tas-Sagra Familja.*

*Kristu huwa Alla u bniedem, Marija Santissima*
*hija Omm Alla, u inti l-kap tagħhom.*

*Inti tassew għandek qalb ta' missier,*
*u għalhekk nirrikorru lejk f'kull bżonn tagħna,*
*u speċjalment li taqlgħalna mewta tajba.*
*Ammen.*

**(San Ġorġ Preca, 1948)**

# Poeżija Franġiskana

Ġorġ Pisani
Il-Belt Victoria, Għawdex

LIL SAN FRANĠISK T'ASSISI

Lid-dinja ċħadt; b'ġidek għażilt il-faqar,
inżajt ferħan l-ilbies tas-sinjorija;
stmerrejt il-ġieħ, kull xorta ta' foħrija,
ħabbejt u tlabt, sofrejt fis-skiet u s-sabar.

Bis-salib biss ridt tifraħ u tiftaħar;
għalhekk fuq l-Għolja ġewwa raġġ ta' dija
ilqajt il-ħames pjagi ta' tbatija,
biex fik ta' Kristu x-xebh kollu jinġabar.

'L Alla berikt fil-ferħ, berikt fid-dwejjaq,
tqabadt mal-qerq ll l-qlub klen qed ltebba',
b'kelma mimlija sliem, mielsa u fuq ruħha.

U stagħġbu l-ġnus xħin, serafin ta' mħabba,
rawk tħares fis-smewwiet b'dirgħajk miftuħa,
tkanta, poeta, l-għanjiet kbar tal-ħlejjaq.





MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

# Għajnuna sopranaturali mibnija fuq il-Bibbja (It-2 Parti)

**Il-kastig**

Wara d-diżubbidjenza ta' Adam u martu Eva issa kien imiss il-kastig (Ġen. 3, 14-19). Għar-raġel ma fadal ebda ġibda lejn il-ġnien fertili; huma se jkollhom jikkumbattu mal-art, u dan biex jaqilgħu l-biċċa ħobż ta' kuljum. Ukoll, wara ħafna kumbattiment, il-bniedem jerġa' jirritorna lejn it-trab minn fejn ikun ġie! Kollox bil-għaraq u t-tbatija.



In-nisa jiġu kkastigati fil-femminilità tagħhom stess. Il-mument l-aktar mixtieq minnhom huwa dak tal-prokreazzjoni, iżda dan se jkun għalihom waqt ta' tbatija. Mhux biss, imma l-istint naturali lejn ir-raġel iwassal lin-nisa biss biex dawn ikunu sottomessi lejh dejjem u kullimkien. U fil-mentalità Semita din hija forma oħra ta' kastig.

Il-kastig tas-serp, minbarra t-tifsira eżjoloġika, jiġifieri dik li għandu biex jiekol it-trab (v. 14), ikun aħjar li wieħed jikkwota t-test: "U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek, u inti tisħaqlu għarqubu" (Ġen. 3, 15). Hawn għandna dak il-muftieħ biex wieħed jifhem it-taqbida eterna bejn it-tajjeb u l-ħażin. Wild il-mara, l-umanità, hija destinata għall-waqgħa minħabba l-ferita tal-għarqub, imma fl-aħħar mill-aħħar ikun il-ġeneru uman li jwassal ir-rebħa definittiva billi jisħaq ras is-serp, l-aktar parti importanti li għandu kulħadd!

"U kien imwaddab id-Dragun il-kbir, is-Serp tal-qedem, li hu msejjaħ 'id-Demonju' u 'x-Xitan', il-qarrieq tad-dinja kollha; kien

imwaddab għal fuq l-art, u miegħu kienu mwaddba l-anġli tiegħu" (Ap. 12, 9). Dan il-kliem jaqbad mill-ġdid l-istess suġġett billi jara fi Kristu dak il-wild li fl-aħħar għad ikisser is-Serp il-qadim, Satana.

## Tkeċċija mill-ġenna

Wara dan ikun hemm it-tkeċċija mill-ġenna (3, 22-24). Issa ladarba l-ġenna mhix il-"post" imma stat ta' ħbiberija u ta' għaqda mal-ħallieq, it-tkeċċija tindika li Alla "nitlaqhom u naħbi wiċċi minnhom" (Dt. 31, 17; 32, 20); iċaħħadhom mill-preżenza tiegħu. Għalkemm ikunu f'dan l-istat, fl-istess waqt ikunu jixtiequ li jerġgħu jingħaqdu miegħu, u dan isir "biex huma jfittxu lil Alla (Atti 17, 27) bit-tama li jsibuh. U din ix-xenqa tal-għaqda tal-bniedem ma' Alla qiegħda f'kull bniedem, mingħajr eċċezzjoni.

## Tkomplija tad-dnub

Il-ġrajja tad-"dnub oriġinali" ma tiqafx f'Ġen. 3 imma tkompli f'kapitli 4 sa 11. L-effetti u Alla huma rappreżentati fl-istejjer ta' Kajjin u Abel, fejn tispikka l-mibegħda. Dawn jitbiegħdu dejjem aktar mill-preżenza ta' Alla.

Lamek jiżżewweġ żewġ nisa u quddiemhom jiftaħar bil-qtil li għamel (Ġen. 4, 19-24). Tubal-kajn, li kien ħaddied, jagħti bidu billi jibda jaħdem għodod tal-bronż u l-ħadid (Ġen. 4, 22).

It-taħlit fis-sess, il-promiskwità, twassal għad-dulluvju (Ġen. 6, 1-13). U fl-aħħar ix-xewqa qawwija tal-bniedem biex jassigura post fiż-żgur wasslitu biex jibni t-Torri ta' Babel (Ġen. 11). Il-kondotta ħażina tal-bniedem kompliet dejjem aktar tiddeġenera jekk Alla b'xi mod jew ieħor ma jindaħalx, allura s-Serp kien se jirbaħ żgur.

Dan kollu jiġbru San Pawl f'Rum. 5, 12.18.21: "Għalhekk bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha għax kollha dinbu... mela kif bil-ħtija ta' wieħed waħdu waslet il-kundanna fuq il-bnedmin kollha, hekk ukoll l-opra tal-ġustizzja ta' wieħed wasslet lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni tal-ħajja... B'hekk kif id-dnub saltan permezz tal-mewt, hekk issa l-grazzja ssaltan permezz tal-ġustizzja għall-ħajja ta' dejjem bis-saħħa ta' Ġesù Kristu Sidna". (Rum. 21)

## Definizzjoni tad-dnub

Ir-riżultati ta' dan it-tbegħid minn Alla "għajn ta' ħajja" (Għerf 36, 10) huma bla għadd. San Pawl jagħmilha ċara illi minħabba l-ħtija ta' Adam id-dnub daħal f'din id-dinja. Jidher li hemm xi ftit tan-nuqqas ta' qbil bejn it-tifsira biblika u dik teoloġika tad-dnub. Ġeneralment wieħed jifhem dak li l-Bibbja tiddefinixxi bħala ħtija: jew azzjoni jew ħsieb kontra l-liġi t'Alla. Dawn jagħmluna ħatja quddiem għajnejh.

It-teologu jagħmel għażla bejn "id-dnub oriġinali" li għamel fil-bidu Adam u "d-dnub oriġinali" li jintiret minn kulħadd. Dan tal-aħħar jafu bih bħala nuqqas ta' grazzja qaddisa li ġejna ġġenerati fiha.

It-tifsira biblika tad-dnub iddaħħal fiha dik il-ħtija. Però normalment turi dik is-setgħa obbligatorja li twassal għall-ħażin u għar-ribelljoni. It-twissija li Alla għamel lil Kajjin tiċċara din il-ħaġa: "Imma jekk ma tagħmilx it-tajjeb, id-dnub bħal xitan jissajja wara biebek. U hu xewqan għalik, imma inti tista' trażżnu." (Ġen. 4, 7)

Id-deskrizzjoni f'Rum. 7 hija aktar qawwija. Hawn toħroġ it-taqbida fil-bniedem bejn ix-xewqa li jagħmel it-tajjeb u l-qawwa tirannika tad-dnub. F'din is-sitwazzjoni



*Benjamin West pittur Amerikan 1738 - 1820*

*It-Tkeċċija ta' Adam u Eva mill-Ġenna 1791*

eżistenzjali l-libertà interjuri tal-bniedem hija dejjem fil-periklu li ddgħajjef ir-rieda.

Dejjem skont it-twissija li rċieva Adam, id-dnub iġib il-mewt. Ċertament huwa jwassal għall-mewt fiżika, ir-ritorn lejn it-trab, li minnu l-ewwel bniedem ġie maħluq. Il-mewt bijoloġika tiġi wara dik spiritwali, effett tal-firda tar-ruħ mill-ġisem. Madankollu l-mewt għandha tifsira kożmika oħra, u li forsi wieħed iħares lejha bħala theddida kostanti għall-istess ordni tal-ħolqien.

Il-bnedmin huma mdaħħlin f'dan il-kunfitt bejn il-ħajja u l-mewt. Għalhekk wieħed ikollu jistqarr li l-qawmien ta' Ġesù rebaħ lill-mewt. San Pawl jikteb: "Inbelgħet il-mewt fir-rebħa. Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja Mewt, in-niggieża tiegħek?" (1 Kor. 15, 55)

Hemm qawwa oħra li kostantament ixxekkel il-libertà tagħna: din hija d-dinja. Mhux, le, il-kożmos, li meta ġie maħluq intqal li hu "tajjeb", jekk mhux ukoll il-kumpless, it-total ta' żbalji, vizzji, drawwiet flimkien ma' mġibiet li fis-soċjetà jiddeterminaw il-għażliet ta' bejn dak li huwa tajjeb u ħażin.

Dan huwa s-sens tal-kliem ta' San Ġwann meta Ġesù jeżorta lid-dixxipli: "Agħmlu l-qalb; jiena rbaħt id-dinja" (Ġw. 16, 33). Id-"dinja" hija għamja, u dan għaliex hija ma tridx tilqa' u tammetti l-verità evanġelika.

Ir-rakkont dettaljat ta' San Ġwann dwar il-fejqan tal-imwieled agħma (Ġw. 9) jiddeskrivi l-Fariżej bħala xempju ta' għama u jikkonkludi biċ-ċanfira ta' Ġesù: "Li kieku kontu għomja, ma kontux tkunu ħatja ta' dnub. Imma issa qegħdin tgħidu 'Aħna naraw'. Mela d-dnub tagħkom għadu fuqkom." (Ġw. 9, 41)

Lil hemm min-nuqqas ta' dawl fiżiku, hawn taqbeż ukoll l-għama tal-injoranza, tas-suppervja, li jagħmuna wkoll quddiem preżenza ċara ħafna!



REV. DR MARTIN MICALLEF

# Riċensjoni tal-ktieb

## *Is-7 Sinjali skont l-Evanġelista San Ġwann*

*Is-7 Sinjali skont l-Evanġelista San Ġwann*. Dan hu l-isem ta' ktieb ġdid miktub minn Fr Philip Cutajar OFMCap, ippubblikat mill-Uffiċċju Missjoni tal-Franġiskani Minuri Kapuċċini Maltin, Malta 2021 (ISBN: 978-9918-0-0051-7). Dan huwa s-6 ktieb li l-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini qed jagħtina f'idejna. Il-ktieb b'200 paġna jikkonsisti f'10 kapitli li fihom l-awtur jippreżenta s-seba' sinjali/mirakli rrakkuntati fl-Evanġelju skont San Ġwann. Il-ktieb, li hu miktub bi stil mexxej u li jinftiehem, bi sfond bibliku, spiritwali u prattiku għal min jixtieq jieħu bis-serjetà l-ħajja Nisranija, jista' jservi ta' rtir ta' sebat ijiem.

L-ewwel kapitlu jippreżenta l-metodu tal-Lectio Divina, metodu antik li bih il-monaċi kienu jaqraw, jistudjaw, jimmeditaw u jitolbu permezz tal-Kelma ta' Alla. Dan il-metodu reġa' ħa l-ħajja fil-Knisja wara l-Konċilju Vatikan II, bil-promulgazzjoni tal-kostituzzjoni dommatika *Dei Verbum*, li ħeġġet aktar il-qari tal-Iskrittura minn dawk kollha li jemmnu f'Ġesù. F'dan il-kapitlu l-awtur jippreżenta l-proċess ta' kif issir il-Lectio Divina, bit-tappi differenti tagħha, kemm għal min jaqra u jitlob waħdu bl-Iskrittura kif ukoll għal dawk li jagħmlu dan bħala grupp flimkien.




Fit-tieni kapitlu nsibu tagħrif miġbur mill-awtur dwar l-identità tal-Evanġelista San Ġwann. Huwa jagħmel dan billi jippreżenta diversi teoriji, kemm dawk klassiċi fit-Tradizzjoni bikrija tal-Knisja kif ukoll dawk aktar miftuħa għal interpretazzjonijiet differenti. Hawnhekk jiġu ppreżentati seba' kwalitajiet ewlenin tal-awtur ta' dan l-Evanġelju: dixxiplu/appostlu/evanġelista; l idea tad dixxiplu l-maħbub li jibqa' bla isem f'dan l-Evanġelju; il-mistiku; id-dixxiplu intimu ta' Ġesù; dak li qiegħed rasu fuq sider Ġesù; l-ewwel wieħed fost l-appostli li għaraf lil Kristu Rxoxt; u l-kustodju ta' Omm Ġesù.

Fit-tielet kapitlu l-awtur jgħaddi biex jagħti l-karatteristiċi ewlenin li

jispikkaw fl-Evanġelju skont San Ġwann. Huwa jagħti tagħrif dwar l-awtur ta' dan l-Evanġelju, id-data u l-post fejn seta' nkiteb flimkien mal-isfond storiku li fih inkiteb u allura lil min inkiteb. L-awtur ifakkarna fis-seba' sentenzi f'dan l-Evanġelju li jibdew bl-espressjoni "Jiena Hu", f'rabta ma' Ġesù u kif jinqasam dan l-Evanġelju, jiġifieri ż-żewġ taqsimiet ewlenin tiegħu: dik li tissejjaħ "il-ktieb tas-sinjali", li tiġbor fiha kapitli 1 sa 12; u "l-ktieb tal-glorja" jew ir-rakkonti tal-passjoni u l-qawmien ta' Ġesù, minn kapitli 13 sa 21. Wara dan insibu lista tas-seba' mirakli jew sinjali li jiddominaw dan l-Evanġelju. Fil-fatt il-kumplament tal-ktieb hu lectio divina għal kull wieħed minn dawn is-seba' mirakli/sinjali.

Fir-raba' kapitlu l-awtur jippreżenta l-ewwel sinjal: Ġesù jibdel l-ilma fi nbid tajjeb (Ġw. 2:1-11). Hawnhekk l-awtur ifakkarna fit-tifsiriet differenti tal-inbid fl-Iskrittura, fil-preżenza ta' Omm Ġesù f'dan it-tieġ, li matulu spiċċa l-inbid; it-tifsira tal-preżenza tas-sitt ġarar tal-ħaġar li kien hemm f'dan it-tieġ f'rabta mat-tema jew is-simbolu tal-ilma f'dan l-Evanġelju, b'applikazzjoni prattika għall-ħajja ta' kuljum.

Fil-ħames kapitlu nsibu riflessjoni fuq it-tieni sinjal/miraklu rrakkuntat fl-Evanġelju skont San Ġwann: il-fejqan ta' bin l-uffiċjal (Ġw. 4:46-54). Permezz tat-tappi differenti tal-Lectio Divina l-awtur hawnhekk ukoll jgħinna napprezzaw aktar it-teoloġija li hemm wara dan ir-rakkont. Naqraw dwar l-ispostament ta' Ġesù minn post għal ieħor u kif u għaliex Ġesù ġie milqugħ mill-oħrajn. L-awtur juri t-talba u l-fidi tal-uffiċjal għal ibnu f'dan il-miraklu. Dan isir b'applikazzjoni għall-ħajja tat-talb tan-Nisrani f'waqtiet differenti f'rabta mal-kompassjoni ta' Ġesù, li minnu rridu nitgħallmu kif inġibu ruħna ma' xulxin.

Is-sitt kapitlu joffrilna meditazzjoni fuq miraklu ieħor li nsibuh irrakkuntat biss fl-Evanġelju skont San Ġwann: il-fejqan ta' raġel li kien ilu 38 sena marid (Ġw. 5:1-18). Hawnhekk l-awtur mhux biss jippreżentalna mappa ta' Ġerusalemm, imma jispjega wkoll l-etimoloġija tal-isem "Betesda", fejn seħħ dan il-miraklu, filwaqt li jkompli jespandi fuq it-tifsira tal-ħames loġoġ li taħthom kienu jistkennu diversi morda. Dan kollu jwassal għall-meditazzjoni fuq it-tifsira tas-snin kbar li matulhom dan ir-raġel kien marid u fl-iżolament/loneliness li ngħaddu minnha f'waqtiet u sitwazzjonijiet differenti fil-ħajja. L-awtur jistieden lill-qarrej biex jidentifika ruħu ma' dan il-personaġġ tal-Evanġelju biex niskopru l-qawwa tal-fejqan ta' Kristu Ġesù.

Fis-seba' kapitlu permezz tal-Lectio Divina l-awtur jeħodna għar-raba' sinjal irrakkuntat fl-Evanġelju skont San Ġwann, dak tat-tkattir tal-ħobż. Minħabba t-tul ta' dan l-episodju l-awtur jagħżel biss xi versi minnu (Ġw. 6:1-15; 22-59) filwaqt li jfakkarna li dan il-miraklu nsibuh irrakkuntat ukoll fl-evanġelji sinottiċi, b'elementi simili u differenti fl-istess ħin. Biex napprezzaw aktar il-profondità tal-ħsieb tal-Evanġelista f'dan il-miraklu, il-qarrej jingħata informazzjoni dwar il-post fejn seħħ dan l-episodju, iż-żmien li fih Ġesù jippreżenta lilu nnifsu bħala l-ħobż tal-ħajja u l-konnessjoni li dan il-miraklu għandu mal-Ewkaristija. L-awtur jikkummenta wkoll fit-tul fuq ir-rwol ta' tnejn mid-dixxipli f'dan l-episodju: Filippu u Indrì, b'applikazzjoni għall-ħajja tad-dixxipulat.

Fit-tmien kapitlu nsibu meditazzjoni fuq il-ħames sinjal ta' Ġesù, jiġifieri meta Ġesù mexa fuq il-baħar (Ġw. 6:16-21). L-awtur ifakkar lill-qarrejja li dan l-episodju nsibuh irrakkuntat ukoll f'edizzjoni differenti f'xi wħud mill-Evanġelji l-oħra, u jgħinna napprezzaw kif kull evanġelista għandu l-mod partikolari li bih jakkumpanja l-istoriċità tal-ġrajjiet ta' Ġesù

mat-teoloġija partikolari tal-Evanġelista. Naqraw ukoll dwar it-tifsira tal-baħar, tad-dgħajsa, tad-dlam u r-riħ li jiddominaw dan il-qari, b'applikazzjoni spiritwali f'rabta mal-biżgħat li nistgħu ngħaddu minnhom f'ħajjitna.

Fid-disa' kapitlu l-awtur ikompli jgħinna ninżlu fil-fond tal-ħsieb tar-raba' evanġelju permezz ta' meditazzjoni fuq is-sitt sinjal: Ġesù jfejjaq agħma mit-twelid (Ġw. 9:1-41). F'din ir-riflessjoni nistgħu napprezzaw is-sbuħija tat-teoloġija ta' dan l-Evanġelista. L-awtur jgħinna nagħmlu dan billi jistedinna naraw fuq liema naħa qed ngħixu l-mixja tagħna wara Ġesù permezz tas-simboli tad-dawl u d-dlam, li jiddominaw dan il-qari. Hawnhekk insibu wkoll it-taqsimiet differenti ta' kif l-Evanġelista jibni dan l-episodju pjuttost twil, li jintroduċina għall-personaġġi li jiddominaw dan ir-rakkont flimkien mar-reazzjonijiet differenti tagħhom għal Ġesù.

L-għaxar kapitlu hu meditazzjoni dwar il-miraklu tal-mewt u l-qawmien ta' Lazzru ta' Betanja (Ġw. 11:1-44). F'din il-meditazzjoni l-awtur jippreżenta l-elementi ewlenin li l-Evanġelista juża biex jirrakkonta dan ir-rakkont uniku fit-tradizzjoni evanġelika. Huwa jitkellem fuq id-dewmien ta' Ġesù biex jasal f'Betanja, ir-reazzjoni tal-aħwa Marta u Marija għal Ġesù, li ħalla lil ħuhom Lazzru jmut minkejja li kienu bagħtu jinfurmawh bis-sitwazzjoni imwiegħra ta' ħuhom. Naqraw ukoll riflessjoni fuq il-motivazzjoni tal-biki ta' Ġesù f'dan l-episodju u fuq it-tifsira tal-qawmien fil-ħajja tan-Nisrani permezz ta' dak li ġara lil Lazzru.

Il-meditazzjonijiet li nsibu f'dan il-ktieb jistgħu verament jgħinuna nidħlu aktar fil-qalba ta' dan l-Evanġelju li nkiteb "sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija, l-Iben ta' Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu." (Ġw. 20:31)

**KUMMENTI OĦRA:**
**Mingħand is-Sur Joe Farrugia - editur responsabbli tal-LAIKOS - Malta**

*KTIEB LI JISTA' JGĦINEK SABIEX TAGĦMEL*
*IRTIR TA' ĠIMGĦA MINN DAREK STESS*

*Għażiż Fr Philip, kif inti? Nittama li tħossok tajjeb.*

*Xtaqt li minn qalbi ngħidlek grazzi tal-ktieb sabiħ li bgħattli,* Is-7 Sinjali... *Huwa dwar tema li ilha żmien tinteressani ħafna, u mal-ewwel daqqa t'għajn li tajt lejn il-kontenut ninsab ċert li ser jogħġobni ħafna.*

*Il-preżentazzjoni tal-ktieb hija waħda tassew li tolqtok u t-tipa ċara ħafna u li ma tgħejjikx taqra. Imma s'issa, li għadni ma qrajtux, l-aktar li laqatni huwa l-ħsieb li dawn il-kitbiet iservu ta' għajnuna għal irtir ta' sebat ijiem li l-qarrej jista' jagħmel. Determinat li minn dari stess irrid jiena wkoll nagħmel din il-mixja, li bħalissa għandi bżonn, biex tgħinni nerġa' nfittex il-prijoritajiet tiegħi. Ċert li dawn is-sinjali ser ikunu sinjali għalija wkoll fiċ-ċirkustanzi tal-ħajja tiegħi llum.*

*Filwaqt li minn qalbi nawguralek ħafna sliem u saħħa, nitolbok iżżommni fit-talb tiegħek. Nassigurak li għandi bżonnu u li jiena wkoll inkompli nżommok fit-talb fqajjar tiegħi.*

*Għażiż Fr Philip, berikni.*
*Joe*



STORJA TA' MITEJN SENA MILL-FTUĦ TAL-QABAR TA' SAN FRANĠISK TA' ASSISI (1818-2018)

FR ALFRED CALLEJA OFMConv

# Xogħlijiet u skavi għas-sejba tal-qabar qabel is-sena 1818

Wara d-difna tal-ġisem qaddis ta' Franġisku fil-knisja/bażilika ta' San Franġisk f'Assisi minn Frate Elija minn Cortona f'Mejju 1230, ħafna patrijiet u nies oħra bdew iqajmu dubji u kurżitajiet kbar dwar il-verità tad-difna f'qabar taħt il-knisja/bażilika. Ir-raġuni ta' dan it-tħassib kienet ġejja mill-fatt li b'ebda mod ma kien jidher possibbli li jinstab. Frate Elija difen il-ġisem tal-Qaddis f'qabar minfud fil-fond ġo massa enormi ta' blat taħt il-knisja. Ir-raġuni għal dan, kif diġà għedt, kienet is-sigurtà kontra s-serq tal-ġisem ta' Franġisku.

Dan in-nuqqas ta' possibiltà u faċilità li wieħed jara b'għajnejh il-qabar ġab nuqqas ta' kredibiltà fil-patrijiet. Ħafna nies u saħansitra patrijiet ukoll bdew joħduha kontra l-awtorità tal-Knisja, il-kunsill ċivili ta' Assisi u s-superjuri tal-patrijiet. In-nies bdew imexxu xnigħat li l-patrijiet daħqu bihom. Iżjed minn hekk irridu ngħidu li f'dak iż-żmien seħħew diversi riformi, jiġifieri l-qsim u l-firda bejn il-patrijiet tal-Ewwel Ordni Franġiskan, bejn il-patrijiet Konventwali, il-patrijiet li kienu jħarsu l-Knisja u l-qabar u l-patrijiet tar-riforma l-ġdida. Dan il-qsim kompla żied it-tilwim, it-taħwid u l-ġlied fi ħdan l-Ordni Franġiskan. L-idea li tħaffer qabar ġo massa blat taħt knisja mingħajr l-ebda indikazzjoni fejn u kif kienet ħaġa iebsa biex titwemmen kif ġieb u laħaq minn kulħadd. Frate Elija ma ħalla l-ebda pjanta jew disinn tal-qabar f'idejn ħadd. Kien sigriet kbir. Xi patrijiet bdew ixerrdu man-nies kitbiet u għajdut kontra Frate Elija u ġriet man-nies it-teorija li l-ġisem ta' San Franġisk mhux veru jinsab taħt il-knisja/bażilika f'Assisi iżda kien midfun f'xi post ieħor barra mill-Italja. Tajjeb li ngħidu li kulħadd kellu interess li jasal għall-verità dwar din id-difna misterjuża.



Minn ftit kitbiet li nstabu nafu li kien hemm patrijiet li bil-moħbi ppruvaw iħaffru fil-blat minn taħt l-artal maġġur tal-knisja.

Insibu kitbiet dwar żewġ tentattivi, mhux awtorizzati minn ħadd. L-ewwel dokument li għandna f'idejna huwa dak miktub mill-kunsill tal-Comune ta' Assisi, fit-13 ta' Settembru 1467, jiġifieri 237 sena wara d-difna ta' San Franġisk (fl-1230). Dawn talbu lill-Patri Kustodju tas-Sagru Kunvent, P. Francesco da Force, biex jagħtihom relazzjoni bil-miktub dwar ix-xogħol li għamel. P. Francesco jistqarr li ma sab xejn u waqaf għax mhux faċli tħaffer u tasal sal-qabar bla ebda direzzjoni ta' xejn. Kitba oħra saret minn P. Nicolò Papini, Kustodju tas-Sagru Kunvent (1802-1803) ħafna snin wara. Dan il-patri jgħid li sab dokument li jgħid li saret toqba kbira taħt l-artal maġġur biex jaraw jidhirx xi ħaġa mill-qabar minn taħt. Dan ix-xogħol sar fi żmien li kien Ministru Ġenerali tal-Ordni P. Rinaldo Graziani bejn l-aħħar tas-sena 1509 u l-bidu tas-sena 1510. Dan ix-xogħol sar bla ma ta l-ebda riżultati ta' xejn.

L-ewwel skavi serji u awtorizzati saru minn P. Pietro Ridolfi da Tossignano, patri Konventwali, fis-snin 1571-1572. Dan kien is-Segretarju Ġenerali tal-Ordni fi żmien il-Ministru Ġenerali P. Giovanni Pico da Serra Petrona u bl-approvazzjoni tal-Papa Piju V, Michele Grislieri, Dumnikan. P. Pietro kellu jieqaf għaliex sab materjal iebes ħafna fuq kull naħa tal-qabar.

Tentattiv ieħor sar fis-sena 1576 minn Pietro Rossi, ċittadin minn Assisi. Dan talab il-permess tal-Papa Girgor XIII biex jagħmel riċerka u tentattiv biex jasal sal-qabar. Iżda dan Pietro kellu tilwima serja mal-maġistrati ta' Assisi u kellu jieqaf mix-xogħol. Wara dan l-inċident, biex tinżamm il-paċi u tonqos il-pika bejn il-patrijiet taż-żewġ fergħat Franġiskani, is-Santa Sede tat ordni li ħadd m'għandu jipprova jaħdem għas-sejba tal-qabar ta' San Franġisk bla permess, taħt piena ta' skomunika. Ma nafux kienx hemm tentattivi oħra bil-moħbi wara din il-projbizzjoni tas-Santa Sede. L-Ordni Franġiskan kien għaddej minn żminijiet ta' instabiltà u pika minħabba d-diversi riformi li kienu għaddejjin dak iż-żmien. Infatti nsibu miktub li l-Papa Pawlu V fl-1607 hedded bi skomunika, latae sententiae, lil dawk li jippruvaw jagħmlu xogħol għas-sejba tal-qabar ta' Franġisku.

Il-Papa Innoċenz X fis-sena 1648 ried ineħħi l-projbizzjoni u l-iskomunika tal-Papa Pawlu V wara talba tal-Ministru Ġenerali P. Michelangelo Catalani. Iżda kien il-Papa Benedittu XIV, bil-bolla *Fidelis Dominus*, fil-25 ta' Marzu 1754, li biha ta grazzji u privileġġi lill-knisja/bażilika ta' San Franġisk f'Assisi u għollieha għall-ġieħ ta' bażilika patrijarkali u kappella papali. Kien dan il-Papa li ddikjara li jeżistu "tliet knejjes fuq xulxin u fit-tielet knisja jinsab il-qabar ta' San Franġisk". Iżda din id-dikjarazzjoni papali saret ħafna snin qabel ma kienu għadhom sabu l-ġisem qaddis ta' Franġisku u kien hemm realment knisja kif inhi llum.

P. Ubaldo Tebaldi, Konventwali, studjuż kbir tal-istorja Franġiskana u ħabib personali tal-Papa Benedittu XIV, talab il-permess tiegħu biex jibda l-iskavi wara seklu u nofs weqfin. Il-Papa tah il-permess iżda kellu jinżamm kollox fis-skiet. P. Tebaldi, fil-Milied tas-sena 1755, beda x-xogħol. Kien isir biss xogħol matul il-lejl. Ix-xogħol kellu jieqaf fi Frar 1756 minħabba diffikultajiet kbar li sabu. Dan nafuh minn relazzjoni miktuba minn P. Tebaldi lill-Ministru Ġenerali P. Federigo Lauro Barbarigo fil-25 ta' Awwissu 1786. P. Tebaldi, għalkemm ma wasalx biex isib il-ġisem ta' Franġisku, irnexxielu jsib il-post minn fejn wieħed seta' jsib il-qabar, u ta indikazzjonijiet ċari għad-direzzjoni tal-iskavi fil-ġejjieni. Nistgħu ngħidu li grazzi għall-iskavi ta' P. Tebaldi wasalna biex tassew u realment insibu l-qabar bil-ġisem qaddis tal-patrijarka missierna San Franġisk.



JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

# Mitt sena mill-ftuħ tal-ewwel Parlament f'Malta

(l-1 Parti)

Meta fl-1800 l-Franċiżi kellhom iħallu *La Ville de Malte*,[1] il-Maltin talbu l-protezzjoni tal-gżejjer Maltin lir-re tar-Renju Unit u tal-Irlanda. Mat-talba r-rappreżentanti Maltin bagħtu wkoll id-**Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Abitanti ta' Malta u Għawdex.**[2] Ir-re sar is-sovran tal-gżejjer. Jekk ir-re ħass li ma jistax ikompli dan ix-xogħol, l-għażla tar-re ġdid kienet f'idejn il-Maltin. Ir-rappreżentant tar-re, il-gvernatur, kellu x-xogħol li josserva u jżomm il-kostituzzjoni. Min-naħa l-oħra l-Maltin kellhom jagħżlu r-rappreżentanti tagħhom għall-Kunsill Popolari *(Consiglio Popolare)* permezz tal-elezzjoni. Dan il-Kunsill kellu s-setgħa li jagħmel il-liġijiet u jimponi t-taxxi bil-kunsens tar-rappreżentanti tar-re. L-Ingliżi ma żammewx kelmithom u l-Maltin, minn żmien għal ieħor, kienu jitolbu tibdil fis-sistema awtokratika li biha l-Ingliżi kienu jmexxu dawn il-gżejjer.[3]

Talba wara talba min-naħa tal-Maltin, speċjalment il-petizzjoni ta' Giorgio Mitrovich (1795-1885) u Camillo Sceberras (1771-1855), biex is-sistema tinbidel, wasslu għad-dħul tal-ewwel Kunsill tal-Gvern. Dan seħħ fl-1835. Dan kien ifisser li l-Maltin għal 35 sena kienu baqgħu mingħajr kostituzzjoni u l-Kunsill tal-Gvern ma offriex rappreżentanza eletta għall-Maltin. L-ebda dritt tal-poplu ma kien imħares permezz ta' din is-sistema. Wara 14-il sena waslet il-**Kostituzzjoni Moore O'Farrell**. Din kellha l-ewwel forma ta' rappreżentanza eletta għall-




Referenzi:

1. Matul il-ħakma Franċiża l-Belt Valletta, il-Furjana, il-Birgu, Bormla u l-Isla saru belt waħda. Din il-belt issemmiet *La Ville de Malte* (Il-Belt ta' Malta).
2. Din id-dikjarazzjoni għandha d-data tal-15 ta' Ġunju 1802.
3. Anon. 'Preparations for the 1921 Constitution', *Malta Review* nr 9. January 1963: 9.

Maltin. Minn 18-il membru fil-Kunsill tal-Gvern 8 biss kienu għall-Maltin. Min-naħa l-oħra l-Maltin kisbu l-ewwel forma ta' rappreżentanza eletta.[4] Fl-1887 waslet il-**Kostituzzjoni Knustford**. Pemezz ta' din il-kostituzzjoni l-Maltin kisbu l-ewwel ċans ta' elezzjoni għall-gvern rappreżentattiv li kellu maġġoranza ta' deputati fil-Kunsill eletti mill-poplu.[5] Min-naħa l-oħra, minn 20 membru 10 biss kellhom jintgħażlu mill-Maltin.

Il-Maltin komplew jiġġieldu għal aktar jeddijiet kostituzzjonali. Fl-1903 waslet kostituzzjoni oħra, il-**Kostituzzjoni Chamberlain**. Ma' tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija l-kontinent tal-Ewropa ra qawmien politiku bl-idea ta' 'national self-determination'. F'dan iż-żmien twieldu diversi nazzjonijiet ġodda fl-Ewropa mit-taqsim tal-Imperu Tork u dak ta' Hapsburg. F'Malta dan il-qawmien inħass u ħa forma ta' self-government jew gvern awtonomu. Fl-1919 faqqgħu l-irvellijiet tas-**Sette Giugno**. Dawn l-irvellijiet kienu, fost l-oħrajn, riżultat tal-għoli tal-ħajja, ta' taxxi qawwija li kienu imposti fuq il-Maltin, ta' emenda fl-istatut tal-Università u tat-tmexxija awtokratika tal-Ingliżi. Matul l-irvellijiet inqatlu mill-azzarini tal-Ingliżi Manwel Attard, Ġużè Bajada, Wenzu Dyer u Karmenu Abela.[6] Fil-jiem ta' wara kienu mietu 2 oħra mill-feriti li kellhom.

## Wara l-irvellijiet

It-talbiet tal-Maltin taħt it-tmexxija ta' Dr Filippo Sceberras (1850-1928) kellhom it-tir biex il-Maltin jiksbu forma ta' gvern li bih il-poplu jkollu awtonomija sħiħa fil-qasam politiku u amministrattiv fejn jidħlu




l-interessi lokali. Fl-20 ta' Novembru 1919 il-gvern Ingliż ħabbar li Malta kienet ser tikseb kostituzzjoni ġdida.

Fl-20 ta' Mejju l-Ingliżi informaw lil Dr Sceberras li l-gvernatur il-ġdid Field-Marshall Lord Herbert Plumer (1857-1932) ġie ordnat biex isib triq li biha l-Maltin ikollhom sehem ikbar fil-gvern mingħajr ma jipperikolaw l-interessi imperjali. Fit-12 ta' Ġunju 1920 id-Draft Letters Patents ġew imressqa lill-poplu Malti. Min-naħa l-oħra f'Settembru 1919 wasal Malta L. S. Amery, li kien is-Sotto-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji. Fit-12 ta' Ġunju 1920 il-Gvernatur Lord Plumer ikkomunika l-kostituzzjoni lill-Kunsill tal-Gvern u fit-30 April 1921 ġew promulgati l-Letters Patent tal-Kostituzzjoni. Fis-16 ta' Mejju 1921 il-Letters Patent ġew infurzati.

Il-Maltin ħejjew proposti f'forma ta' kostituzzjoni biex jiġu mressqa lill-gvernatur il-ġdid. Huma xtaqu żewġ kmamar – senat ta' 12-il membru u assemblea leġiżlattiva ta' 22 membru. Il-kabinett kellu jkollu 7 ministri.

Referenzi:

4. Troisi, J. 'Preżentazzjoni' fi Schiavone, M. J. *L-Elezzjonijiet f'Malta 1849-1992 – storja, fatti, ċifri*. Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1992: xiv.
5. Troisi, J. 'Preżentazzjoni' fi Schiavone, M. J. *L-Elezzjonijiet f'Malta...* op cit: xiv.
6. Schiavone M. J. *L-Elezzjonijiet f'Malta 1849-1992* – storja, fatti, ċifri. Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1992: 58.

# Ħuna Fr Mark Scicluna OFMCap saċerdot ġdid fi ħdan il-knisja u fil-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta - 8 ta' Mejju 2021

## 1. Velja ta' talb bi tħejjija

Jumejn qabel din l-ordinazzjoni, jiġifieri l-Ħamis, 6 ta' Mejju 2021, saret velja ta' talb bħala tħejjija għall-ordinazzjoni. Din il-velja, organizzata mill-Arċidjoċesi, saret fil-pjazza ta' quddiem il-knisja tagħna tal-Kalkara u għaliha attendew diversi nies, fosthom, l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Joseph Galea Curmi, Vigarju Ġenerali, seminaristi, qassisin, patrijiet u lajċi. Matul dan il-mument ta' talb saret riflessjoni fuq id-diskors li l-Papa Franġisku għamel għall-qassisin, li fih stedinhom biex ikunu qrib ta' Alla, qrib tal-isqof djoċesan, qrib ta' xulxin bħala qassisin u qrib tal-poplu ta' Alla. F'għeluq il-mument ta' talb sar diskors minn Mons. Joseph Galea Curmi u wara ngħatat il-barka sagramentali.





## 2. Jum l-Ordinazzjoni Presbiterali

Nhar is-Sibt, 8 ta' Mejju 2021 Ħuna Br Mark Scicluna OFMCap, minn Ħal Balzan, iben il-mejjet Lawrence u martu Mary xebba Dingli, ġie ordnat presbiteru minn Mons. Arċisqof Charles Jude Scicluna, fil-knisja parrokkjali ta' Raħal Ġdid, flimkien ma' tliet seminaristi oħra. Kienet

ċelebrazzjoni sabiħa, b'numru limitat ta' persuni, saċerdoti u reliġjużi preżenti, minħabba l-limitazzjonijiet tas-social distancing imposti minħabba l-virus tal-COVID-19.

Mons. Arċisqof beda l-omelija billi fakkar lill-ordinandi ġodda li: "Bħalma jgħid Ġesù, ifhmu sewwa li Alla hu li għażilkom: 'Mhux intom għażiltu lili imma jien għażilt lilkom' (Ġw. 15:16). Din is-sejħa hija sejħa biex tmorru u xxandru l-Evanġelju, l-Aħbar it-Tajba. Qisu li dejjem tiftakru li din hi l-missjoni tagħkom: twasslu kullimkien l-Aħbar it-Tajba, l-Evanġelju." Bi kliem ta' kuraġġ stieden lil dawn is-saċerdoti ġodda biex "taqtax qalbek bid-dgħufija tiegħek, bi dnubietek jew bid-dnubiet tal-poplu għażiż li l-Mulej jafdalek f'idejk. Għallem lil kulħadd kemm għandna bżonn nafdaw fil-qawwa ta' Alla, għax hu ma jħarisx lejn l-uċuħ imma jħares lejn kull wieħed u waħda minna b'ħarsa ta' ħniena. U dik il-ħarsa ta' ħniena tagħtina l-ħajja, tkun dawl għalina." Fl-aħħar tal-omelija tiegħu Mons. Arċisqof talab lill-Mulej biex "jagħtikom il-qawwa tkunu fejqan għall-poplu tiegħu. Intom li tafu f'min emmintu, wasslu lill-poplu tagħna biex jemmen, jittama u jħobb."








## 3. Fr Mark jiċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu ta' radd il-ħajr

L-għada l-Ħadd, 9 ta' Mejju 2021 Ħuna Mark iċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu fil-kunvent tal-Kapuċċini, il-Kalkara, flimkien mal-familja tiegħu u l-fraternità tal-Kalkara. Kien mument sabiħ ħafna u intimu, kemm għal Mark kif ukoll għal dawk preżenti, fejn flimkien iċċelebraw u faħħru lil Alla għal

dan id-don tas-saċerdozju.

Fil-ħsieb li qasam Mark f'din l-ewwel quddiesa tiegħu huwa saħaq li ċ-ċentru ta' dawn il-jiem sbieħ ta' ċelebrazzjonijiet u ta' ferħ mhux hu, imma huwa l-Mulej. Fiċ-ċentru ta' kull vokazzjoni għandu jkun il-Mulej, għax huwa Hu li jmexxina u jqawwina fil-mixja tagħna tal-ħajja.

Filwaqt li mill-qalb nawguraw ħafna lil Ħuna Br Mark għal din l-ordinazzjoni, inkomplu nitolbu għal iktar vokazzjonijiet qaddisa fi ħdan il-provinċja Kapuċċina.





## 4. Ħuna Fr Mark Scicluna jingħaqad mal-fraternità tal-Kapuċċini f'Malta – flimkien irroddu ħajr lil Alla

Nhar it-Tnejn, 21 ta' Ġunju 2021 saret laqgħa għall-aħwa kollha tal-provinċja. Din il-laqgħa kienet waħda unika u speċjali hekk kif kienet tikkonsisti minn quddiesa kkonċelebrata mmexxija minn Ħuna Mark Scicluna fl-okkażjoni tal-ordinazzjoni presbiterali tiegħu.

Minħabba li Ħuna Mark ma setax jagħmel quddiesa ta' radd il-ħajr bħalma soltu jsir wara l-ordinazzjoni presbiterali, saret din il-laqgħa fraterna biex hekk aħna bħala aħwa stajna nifirħu flimkien ma' dan Ħuna.



Fl-omelija tiegħu tal-okkażjoni Ħuna Mark tkellem fuq l-Evanġelju tal-ġurnata, meħud minn San Mattew, li jħeġġeġ biex ma niġġudikawx lil xulxin u anke biex ma nħarsux lejn it-tibna li hemm f'għajn ħuna

meta aħna jkollna travu f'għajnejna. Ħuna Mark spjega kif ilkoll flimkien, minkejja t-tibna u t-travu li għandna, aħna msejħin biex nimxu flimkien bħala aħwa u ngħinu lil xulxin fil-mument differenti ta' ħajjitna.



Huwa radd ħajr ukoll lill-aħwa kollha ta' dawn id-disa' snin ta' formazzjoni li huwa għex u tal-eżempji sbieħ li ra fl-aħwa tagħna. Wara l-quddiesa l-Ministru Provinċjali tagħna, Ħuna Effie Mallia, għamel diskors ta' awguri lil Ħuna Mark u anke awguralu b'mod speċjali għall-istudji li se jkun qed jibda f'Settembru li ġej ġewwa l-Università Gregorjana f'Ruma, filwaqt li se jkun qed jgħix fil-Kulleġġ Internazzjonali tal-Ordni tagħna San Lawrenz ta' Brindisi. Wara l-quddiesa saret ikla fir-refettorju tal-kunvent tal-Furjana fejn l-aħwa setgħu flimkien ikomplu jaqsmu kemm il-ferħ ma' Ħuna Mark u anke bejniethom fi żmien ta' nuqqas ta' laqgħat u fraternità.





**Ħuna Fr Mark Scicluna OFMCap saċerdot ġdid fi ħdan il-knisja u fil-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta - 8 ta' Mejju 2021**

ĦUNA U ĦABIB TAGĦNA
**FR MARK,**
INTI LI AĊĊETTAJT
LI SSIR SAĊERDOT
GĦALINA U MAGĦNA,
AĦNA SER NIBQGĦU
MIEGĦEK DEJJEM,
SPEĊJALMENT PERMEZZ
TAT-TALB TAGĦNA GĦALIK.

**AWGURI!**





# Il-laqgħa ta' San Duminku u San Franġisk

Dun Karm Psaila
17 ta' Lulju 1912



Wiċċu lejn l-art, ruħu fis-sema mtajra,
fil-ħemda tad-dar t'Alla, għarkopptejh
kien qed Franġisku, ifarraġ qalbu: il-ħajra
ta' ġid is-sema tfur minn xfar għajnejh.

Għalkemm imkebbeb ġewwa libsa fqajra,
għarfu Duminku, u bilġri resaq lejh,
u qallu: "Sieħbi, mhix għalxejn diż-żjajra;
Alla ħtarna u laqqagħna: aħna f'idejh."

Tgħannqu u tbewsu: bħala vleġeġ taru
minn qalb għal oħra n-nirien tal-imħabba;
siktet il-qilla t'Alla u tgħaxxqet daru.
Għaddew mijiet ta' snin: mill-bewsa mbierka

ta' Duminku u Franġisk għadha titrabba
għaqda fi wliedhom f'ħidma waħda mxierka.



KAV. JOE M. ATTARD

# Evviva San Franġisk!

*(fl-okkażjoni tat-tberik tal-istatwa ġdida tiegħu f'Misraħ San Franġisk, il-Belt Victoria)*

F'din il-pjazza ewlenija
aħna ltqajna hawn illum –
San Franġisk se jsaltan f'nofsha
sakemm wieqfa d-dinja ddum!

Kien wisq xieraq li f'dal-misraħ,
fejn hawn knisja Franġiskana,
nilqgħu lill-Fqajjar t'Assisi
bi xbieha hekk sbejħa u setgħana

sabiex bi mħabba jindokra
lill-Maltin u lill-Għawdxin,
li kuljum minn hawn iterrqu
ma' eluf ta' barranin.

U bħalissa għandna bżonnu
lil dal-patri hekk qaddis,
biex minn din l-imxija kiefra
jeħlisna mill-aktar fis!

Din il-pjazza ta' gżiritna
saret waħda mfittxija
għax tal-gvern bosta uffiċċji
illum qiegħda tiġbor fiha.

Minn hawnhekk il-Ministeru
imexxi lil Għawdex tagħna,
u b'dil-opra qed jissokta
lil dil-belt jara tistagħna!

Iż-żagħżugħ Manwel Farrugia,
illum artist stabbilit,
tana dil-ġawhra ta' statwa
kif is-sengħa titlob trid!

Jalla kull min minn hawn jgħaddi
jitfa' ħarstu fuq dil-vara,
biex fuq din il-gżira tagħna
tal-imħabba tifrex xmara,

biex inkunu poplu wieħed
li jgħix hieni u daħkan,
kif għex dejjem dan il-Fqajjar
mal-irħieb, dejjem ferħan.

O li kien dal-qaddis umli
lura jreġġa' t-tbissima!
Dil-pesta daħlet 'il ġewwa
u saret waħda qadima.

Nitolbuk, o Patrijarka
li lill-Knisja bnejt mill-ġdid,
rażżan din il-pandemija
b'rieda soda tal-ħadid,

biex tarana mbagħad annuna
għad-dell tiegħek hawn fil-frisk.
Hekk kif tfeġġ l-erbgħa t'Ottubru
ngħajtu "Viva San Franġisk!"



*Din il-poeżija ntisġet u nqrat mill-Kav. is-Sur Joe M. Attard mill-Belt Victoria, Għawdex fl-okkażjoni tal-kxif u t-tberik tal-istatwa artistika li tpoġġiet f'Misraħ San Franġisk nhar it-Tlieta, 13 ta' Lulju 2021. L-istatwa nħadmet mill-artist żagħżugħ Għawdxi Manwel Farrugia. Din l-attività saret b'inizjattiva tal-Ministeru għal Għawdex. Għalhekk il-kxif sar mill-Ministru l-Onor. Perit Clint Camilleri, filwaqt li t-tberik seħħ minn Monsinjur Dr Joe Vella Gauci. L-aħwa patrijiet Franġiskani flimkien mal-Ministru Provinċjali tagħhom kienu preżenti għall-okkażjoni. Dan kien parti mill-proġett bil-għan li tkompli tissebbaħ din il-pjazza ċentrali fil-Belt Victoria ġewwa Għawdex.*



Padre Pio jurina t-triq: "Itlob, ittama, tinkwetax."

VINCENT VELLA OFS

# Aktar dwar il-bilokazzjonijiet tal-Qaddis Patri Piju tal-Pjagi

(Ir-4 parti)

Minkejja li Patri Piju kien imżejjen b'ħafna fenomeni misterjużi, huwa dejjem għamel ħiltu biex jgħix ħajja normali kemm jista' jkun. Huwa dejjem żamm saqajh imsammrin mal-art, jissaporti jew igawdi affarijiet ordinarji bħalma jagħmel kull bniedem ieħor. Min-naħa tagħna, jekk noqogħdu naħsbu żżejjed dwar dawn il-fenomeni nistgħu nieħdu l-impressjoni żbaljata li l-ħajja tiegħu ma kinitx waħda normali, u hekk x'aktarx naqtgħu qalbna. Filwaqt li għandna dejjem niftakru li San Piju kien imżejjen b'dawn id-doni speċjali, għandna niftakru wkoll li hu dejjem uża dawn id-doni li kellu biex fetħilna għajnejna għar-realtajiet tas-sema. Illum ħafna jarawh bħala l-bniedem tal-għaġeb, b'ħafna mirakli ħerġin mill-pjagi ta' jdejh. Imma dawk li għexu qrib tiegħu u kienu jafuh sewwa, filwaqt li japprezzaw id-doni speċjali li kien imżejjen bihom, kienu jħobbuh l-aktar għall-kompassjoni tiegħu ma' għajru, il-ġentilezza tiegħu u s-sens komun li kellu. Dejjem wera ħniena kbira ma' min kien batut u dejjem kien lest li jagħti l-għajnuna tiegħu. Inkomplu naraw kif permezz tal-bilokazzjoni kien ifarraġ u jgħin lil dawk li kienu jeħtieġu l-għajnuna tiegħu.

## Iżur l-Arċisqof maqful fil-ħabs, fl-Ungerija

Għalkemm ma nafux kemm-il darba Padre Pio mar Lourdes permezz tal-bilokazzjoni, illum nistgħu bla ebda dubju nikkonfermaw li kien iżur lill-Kardinal Mindszenty meta dan kien għadu l-Arċisqof ta' Esztergom u l-Primat tal-Ungerija. Dan sar meta l-Arċisqof Mindszenty safa mitfugħ il-ħabs għat-tielet darba, wara li kien arrestat fis-26 ta' Diċembru tal-1948 min-Nażisti, u kkundannat għal għomru l-ħabs fi tmiem ta' proċess farsa.



Nistgħu nikkonfermaw ukoll li wara dik id-data Patri Piju kien żaru mistikament fil-ħabs diversi drabi. Dan għaliex il-Commendatore Angelo Battisti, li kien impjegat fil-Kurja Vatikana, sar jaf kunfidenzjalment mingħand saċerdot minn Budapest fl-Ungerija li f'dawk it-tmien snin ta' priġunerija mimlija b'diversi torturi l-Arċisqof kellu żjarat minn Padre Pio, li kien iwassallu fiċ-ċella dak kollu li kien jeħtieġ biex l-Arċisqof ikun jista' jiċċelebra l-quddiesa fil-ħabs. Wara l-quddiesa kien joqgħod għal ftit tal-ħin jitkellem mal-Arċisqof biex imbagħad kien jisparixxi flimkien ma' dak kollu li jkun ġab miegħu. Għalhekk l-istess saċerdot Ungeriż talab lil Angelo Battisti, li dak iż-żmien kien sar ukoll amministratur tal-isptar Casa Sollievo della Sofferenza, biex jistaqsi lil Padre Pio jekk jikkonfermax din il-ġrajja kollha.

Angelo nħasad b'dak kollu li sema', u xtaq li jaqta' x-xewqa ta' dan is-saċerdot, imma meta ftit wara ltaqa' ma' Patri Piju, ma kellux il-kuraġġ li jlissen kelma waħda dwar dan kollu, għax kien beża' li l-Qaddis kien se jkeċċih 'il barra bi kliem aħrax. Dan il-biża' kull darba kien inessi lil Angelo li jagħmel il-mistoqsija lil Patri Piju kull meta kien jiltaqa' miegħu. Madankollu, il-ħsieb kien dejjem iberren f'moħħu kif se jagħmel biex jirnexxilu jagħmel din il-mistoqsija fi tmiem il-laqgħat miegħu.

Dam itella' u jniżżel dwar dan, sakemm lejla waħda, f'Marzu tal-1965, wara li kienu għaddew tant snin u wara li kienu ffaċċjaw diversi problemi relatati mal-isptar Casa Sollievo, mingħajr ma Angelo kellu l-iċken ħsieb dwar l-isem u l-kwistjoni ta' Mindszenty, Angelo spontanjament u mingħajr ma jaf kif staqsa lil Padre Pio, "Padre, il-Kardinal Mindszenty jagħraf u jaf lil Padre Pio?" Il-qaddis, irritat għall-aħħar, b'rabja kbira tratta lil Angelo ħażin ħafna u saħansitra għajru imbeċilli u stupidu.



Hawnhekk Angelo ddefenda ruħu billi qal, "Padre, int taqra l-ħsibijiet moħbija ta' dak li jkun, u għalhekk taf tajjeb li ma kinitx l-intenzjoni tiegħi li ndejqek b'din il-mistoqsija. Taf li ma kontx imbuttat mill-kurżità, imma taf li Alla, għall-glorja tiegħu, f'dan il-mument poġġa fuq xufftejja l-kliem li kont ilni nipprova nistaqsik."

Dawn il-kelmiet biddlu f'ħakka t'għajn u mill-qiegħ l-atteġġjament ta' Padre Pio, li bil-ħlewwa kollha wieġbu, "Tajjeb ħafna. Iltqajna u tkellimna flimkien; taħseb li ma kienx jagħrafni?" U mbagħad żied jgħid, "Ix-xitan hu tassew ikrah, imma rriduċewh ferm iktar ikrah milli hu x-xitan stess!" Imbagħad spiċċa billi qal, "Ftakar dejjem li titlob għal dan ix-xhud kbir tal-fidi, li bata tant għall-Knisja!"

## Jagħmel vjaġġi twal

Il-gwardjan Padre Carmelo Durante jirrakkonta li lejla minnhom Patri Piju qallu, "Illejla mgħaġġel ħafna għax irrid nagħmel vjaġġ twil!" "U fejn trid tmur?" staqsieh Padre Durante. Patri Piju tenna li jrid jagħmel vjaġġ twil u bi tbissima żied jgħid, "Għal dan il-vjaġġ m'għandix bżonn il-permess tas-superjur tiegħi." Skont ir-regoli tal-Ordni Franġiskan kull membru kellu d-dmir li jitlob permess biex joħroġ mill-kunvent, imma naturalment, għal

dan il-vjaġġ bil-bilokazzjoni, Patri Piju ma kellux bżonn permess mis-superjur dirett tiegħu għax żgur li kellu permess speċjali mis-superjur tas-superjuri kollha, is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. Għalhekk Padre Durante kulma seta' jagħmel kien li jbuslu jdejh u jixtieqlu l-vjaġġ it-tajjeb.

Darba oħra l-patrijiet kienu jitkellmu fir-refettorju. Padre Durante jiftakar li f'xi ħin issemmiet l-aħbar tal-għaġeb għal dak iż-żmien li ajruplan kien għamel vjaġġ bejn Ruma u New York mingħajr ma waqaf imkien, f'sitt sigħat biss. Għall-patrijiet preżenti din kienet aħbar inkredibbli! Patri Piju, li sa dak il-ħin kien baqa' sieket, staqsa, "Kemm dam? Kemm għedtu li ħa sigħat biex mar?" Padre Durante rrispondieh b'iktar stagħġib, "Sitt sigħat! U iktar minn hekk, mingħajr waqfa waħda!" Patri Piju stagħġeb ukoll, Imma minn taħt l-ilsien qal, "Sitt sigħat! Tajjeb, imma dak hu ħin twil! Meta mmur jiena, dan il-vjaġġ jeħodli biss sekonda." Meta l-patrijiet talbuh biex ifisser ruħu aħjar, Patri Piju ma qal xejn aktar ħlief il-kelmiet, "Għedtilkom! Għedtilkom!"

*(Wara li s-Sur Vincent Vella diġà tana tliet artikli f'din is-sensiela dwar Padre Pio bl-isem IL-BILOKAZZJONIJIET FIL-QADDIS TAL-PJAGI PADRE PIO, kien waqaf bil-għan li fis-sena 2020 – is-sena ddedikata lil San Ġużepp – jagħtina artikli ta' tagħlim dwar il-qaddis Padre Pio u d-devozzjoni tiegħu lejn San Ġużepp. Imbagħad komplejna bis-sensiela ta' artikli interessanti dwar il-bini tal-Isptar CASA SOLLIEVO DELLA SOFFERENZA. Issa ser ikompli fejn ħalla f'Novembru 2019 billi jkompli jwasslilna tagħlim dwar id-don tal-bilokazzjonijiet li bih il-Qaddis tal-Pjagi kien imżejjen.)*

# Mill-ġdid wara 79 sena

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Lulju 2021, il-jum li fih niċċelebraw l-aħħar dehra tal-Madonna f'Lourdes, saret quddiesa konċelebrata fil-knisja tas-Salib Imqaddes fil-Furjana, li tmexxiet mill-Arċipriet tal-parroċċa l-Kanonku Dun Charles Cini flimkien mal-aħwa tal-fraternità tagħna. Wara l-quddiesa l-Gwardjan tal-fraternità Ħuna Patri Pawl Bugeja bierek l-istatwa l-ġdida tal-Arkanġlu San Gabrijel, li tpoġġiet fuq il-bieb prinċipali tal-kappella. Din l-istatwa kienet diġà teżisti iżda nqerdet fil-gwerra 79 sena ilu, meta sar bombardament fuq il-kunvent u l-knisja, inkluża l-istess kappella ta' Lourdes. F'dan l-attakk inqerdet ukoll l-istatwa tal-Arkanġlu San Gabrijel.





Grazzi lill-Ministru Provinċjali u lill-kunsillieri li approvaw dan il-proġett, kif ukoll lil Ħuna Fra Luċjanu Baldacchino, li rsista ħafna biex dan iseħħ, flimkien ma' ħafna benefatturi li għenu. L-istatwa nħadmet fil-ġebel għand id-ditta Agius Ltd tal-Qrendi u nżamm l-istess mudell tal-arkanġlu mġarraf.



JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)
RITRATTI TA' PIERRE EUGENE BUTTIGIEG

# Aktar Leġġendi minn Għawdex

## Il-leġġendi Marjani tal-Qala[1]

Is-santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni għandu xi leġġendi marbutin miegħu. Dan is-santwarju hu wieħed mill-eqdem li jinsabu f'Għawdex. Għall-ewwel dan kien iddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni. Din il-knisja serviet bħala knisja parrokkjali tal-irħula tal-Lvant t'Għawdex. Matul iż-żminijiet ħafna pellegrinaġġi saru għal din il-knisja. Dawn saru fi żminijiet koroh, żminijiet ta' tbatija jew ta' perikli. Fis-sagristija hemm l-ikbar xhieda tad-devozzjoni tal-poplu lejn l-Immakulata tal-Qala. Il-ħitan ta' barra tal-knisja għandhom xhieda oħra tad-devozzjoni lejn l-Immakulata – il-graffiti.

## 1. Il-leġġenda tal-bini tal-knisja tal-Immakulata tal-Qala[2]

In-nies tal-Qala riedu jibnu knisja ddedikata lill-Madonna. Dawn iltaqgħu u għażlu l-perit li kellu jagħmel il-pjanta tal-knisja. Il-post fejn xtaqu jibnu din il-knisja kien il-qalba tar-raħal – f'Tas-Salib. Jum wieħed ix-xogħol fuq il-knisja kien beda. Ħaffru l-gandotti għall-pedamenti u ġabu l-ġebel sabiex ix-xogħol jibda, iżda meta l-ħaddiema marru Tas-Salib ma sabux il-ġebel u lanqas l-għodda tal-bini. Wara waslet l-aħbar li sew il-ġebel u sew l-għodda nstabu. Dawn instabu fiz-zona magħrufa bħala 'Tal-Ħalq'.

In-nies tal-Qala reġgħu nġabru. Min qal ħaġa u min qal oħra. Ħadd ma kien jaf min ġarr il-ġebel u l-għodda, u wara ħafna kliem kollha qablu li dan kien miraklu. Il-Madonna ma riditx il-knisja f'Tas-Salib imma f'Tal-Ħalq. Għalhekk reġgħu ħadmu l-gandotti għall-pedamenti. Ħadmu l-pedamenti u l-knisja bdiet tielgħa. Bil-mod il-mod in-nies bdiet iżżur din il-knisja biex tagħti qima lil Marija Santissima taħt id-devozzjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni.

## Il-varjant ta' din il-leġġenda[3]

In-nies tal-Qala riedu jibnu knisja ddedikata lill-Madonna. L-għażla waqgħet fuq biċċa art fil-qalba tal-Qala. Huma minnufih bdew jaħdmu. Iżda nqalgħet problema: kull karettun ġebel li kien qed jasal mill-barrieri matul il-lejl kien jisparixxi. In-nies bdiet titkellem. Xi wħud bdew jgħidu li kien hemm xi persuna jew persuni li ma ridux li tinbena din il-knisja u għalhekk bdew ifixklu kull ħaġa li kienet qiegħda ssir. Għalhekk saret laqgħa. Ftiehmu illi l-aħjar li jagħmlu kien li jagħmlu l-għassa matul il-lejl.

Lejl wieħed l-għassiesa kienu miġbura flimkien. Kulħadd kien bilqiegħda fuq gozz ġebel, xi wħud ipejpu, oħrajn jirrakkontaw xi ħrafa. Il-lejl kien daħal sewwa meta wieħed minnhom beda jgħajjat: "Ħarsu 'l hemm! Ħarsu 'l hemm!" Kulħadd waqaf u beda jħares fejn kien qed

Referenzi:

1. Anonimu. *Ħondoq ir-Rummien Walk - l-Imġarr to l-Imġarr*. Ministry of Gozo, pubblikazzjoni bla data u l-paġni mhux numerati.
2. Pisani, Ġ. *Għawdex Joħlom fil-Leġġendi*. Pubblikazzjoni Indipendenza, Malta, 1999: 61-62.
3. Pisani, Ġ. *Għawdex Joħlom fil-Leġġendi*. op cit: 62-66.

juri dak ir-raġel. Lemħu mara liebsa l-abjad, miexja bil-mod il-mod. Il-mara waqfet quddiemhom u wara ftit daret għan-naħa tal-wied. Warajha kien hemm il-ġebel li kien lest għall-bini. Ir-raħlin stagħġbu u bdew isaqsu lil xulxin kinux qed jaraw tajjeb. Kulħadd qal l-istess storja. Wara ltaqgħu u qablu li jżidu n-numru tal-għassiesa.

L-għassiesa żdiedu u matul il-lejl ġrat l-istess storja. Filgħodu l-għassiesa reġgħu ltaqgħu. Min qal ħaġa u min qal oħra. Wieħed mill-għassiesa, imdaħħal fiż-żmien, tkellem u qal li l-aħjar ħaġa, jekk il-mara l-bajda terġa' tidher, jibqgħu sejrin warajha. Il-lejl reġa' ġie. Il-mara l-bajda reġgħet dehret. Rawha quddiemhom. Il-ġebel reġa' mexa warajha. L-għassiesa għamlu l-kuraġġ u qamu minn fejn kienu u mxew warajha. Imxew u mxew u fl-aħħar waslu f'post magħruf bħala Tal-Ħalq. Hemm is-Sinjura l-Bajda waqfet u ma dehritx aktar. Stagħġbu fejn kienet marret. Ħarsu ħarsa sewwa lejn il-post. Sabu l-ġebel u anke sabu l-għodda tal-bini.

In-nies tar-raħal ma kinux jafu x'ser jaqbdu jagħmlu. Min kienet din is-sinjura liebsa l-abjad? X'riedet tagħmel bil-ġebel f'Tal-Ħalq? Fl-aħħar fehmu li dik il-mara l-bajda ma kienet ħadd ħlief il-Madonna. Dan l-għemil li kienet twettaq kull lejl kien ifisser li hi riedet li l-knisja tkun mibnija f'Tal-Ħalq, mhux f'Tas-Salib. Għalhekk bdew iħaffru l-gandotti għall-pedamenti. Ftit wara l-knisja kienet lesta - knisja ddedikata lil Sidtna Marija tal-Qala.

## 2. Il-leġġenda tal-Etna[4]

Jum wieħed il-poplu beda jinduna li bdew jiġru xi affarijiet strambi. Qam biża' kbira. Ta' sikwit kienet qed tinħass xi theżżiża tal-art. Xi wħud bdew jgħidu li semgħu ċerti ħsejjes koroh u strambi ħerġin mill-qalba tad-dinja. Anke l-arja ma baqgħetx l-istess. Saret donnha taħraq. Anke l-baħar deher stramb. Donnu ried jibla' l-art.

Il-poplu kompla jibża'. In-nies bdew jgħidu ħafna affarijiet tal-biża'. Dan l għajdut kompla ġab aktar biża' fost il poplu. Ħafna bdew iżuru l-knejjes. It-talb żdied. Il-penitenza żdiedet.

Il-kleru Għawdxi ddeċieda li jorganizza pellegrinaġġ għall-knisja ta' Santa Marija tal-Qala. Għażlu jum il-Gandlora. Il-poplu Għawdxi nġabar bil-mod il-mod u l-pellegrinaġġ beda jifforma ruħu. Il-poplu beda jitlob lil Marija Santissima. Waqt li kien għaddej il-pellegrinaġġ, il-Kappillan Dun Sapjan beda jgħajjat kemm jiflaħ: "In-nar! In-nar!" Dehret kolonna kbira u twila tan-nar li dehret qiegħda tintrefa' 'l fuq. Din il-kolonna kienet qed tidher fuq in-naħa ta' Sqallija. Kien żbroffa l-Etna, il-vulkan viċin il-belt ta' Katanja. Dun Sapjan reġa' dar lejn il-poplu miġbur: "Nirringrazzjaw lil Marija Santissima u nkomplu nitolbu. L-Etna qiegħda tiżbroffa n-nar. Aħna ninsabu meħlusa!" Il-poplu fehem li kienet il-Madonna li daħlet għall-poplu Għawdxi u salvatu mill-qilla ta' xi diżgrazzja kbira.

Minn dakinhar, ta' kull sena, in nies tan Nadur u tal-Qala, fil-festa tal-Gandlora, joħorġu minn darhom biex jattendu l-pellegrinaġġ lejn il-knisja ta' Santa Marija tal-Qala.



*Salib imnaqqax fil-ħajt tas-santwarju li jindika fejn kien midfun San Kerrew*

Referenzi:

4. Pisani, Ġ. *Għawdex Joħlom fil-Leġġendi*. op cit: 66.

### 3. Il-leġġenda ta' San Kerrew[5]

Fil-knisja ta' Santa Marija tal-Qala jinsab qabar. Skont ix-xjuħ tagħna dan il-qabar hu ta' San Kerrew. Dan il-qaddis kien jgħix bħala eremita fil-knisja ta' San Pawl f'Wied il-Għasel fil-Mosta. Dak iż-żmien kien hemm xi raħħala Mostin li ma kinux qed jgħixu ħajja xierqa. San Kerrew kien ta' sikwit ikellimhom u jħeġġiġhom biex jgħixu ħajja skont il-Kelma t'Alla. Kollox kien għalxejn. Ir-raħħala kienu xebgħu mill-kliem ta' San Kerrew. Għamlulu nasba. Ir-raħħala ġabu mara biex tonxor il-ħwejjeġ fuq il-blat ta' quddiem il-knisja ta' San Pawl, fejn kien joqgħod San Kerrew. Filgħaxija din il-mara kellha tiġbor il-ħwejjeġ f'sorra u ġġorrha lejn darha. Għamluhielha ċara li meta tkun qrib San Kerrew kellha twaqqa' s-sorra minn fuq rasha.

Il-ħsieb tagħhom kien li jagħmel x'jagħmel San Kerrew kienu ser iwaħħlu fih. Jekk l-eremita ma jmurx jgħinha jixluh li San Kerrew naqas mill-karità. Jekk imur biex jagħtiha daqqa t'id jixluh li naqas mill-modestja. Il-mara għamlet kollox kif qalulha. Ġabret il-ħwejjeġ ġo sorra. Marret quddiem il-knisja ta' San Pawl u malli feġġ l-eremita xeħtet is-sorra fl-art. Kif San Kerrew ra s-sorra fl-art mar dritt dritt sabiex jagħtiha daqqa t'id.

Malli medd idu bdiet nieżla fuqu kwantità ta' ġebel. San Kerrew beda jċanfar lir-raħħala u ħabbrilhom ħafna kastigi jekk ma kinux ser ibiddlu ħajjithom. L-eremita daħal ġewwa, poġġa l-ftit ħwejjeġ li kellu f'sorra, libes il-mantell u ħareġ 'il barra. Malli rawh ir-raħħala bdew jiġru warajh. L-eremita mexa lejn xatt il-baħar. Kif wasal neħħa l-mantell, firxu fuq l-ilma u tela' fuqu. Bil-mod il-mod beda sejjer lejn Għawdex. Għall-ewwel San Kerrew niżel fuq il-gżira ta' Kemmuna. Wara reġa' rikeb fuq il-mantar u baqa' sejjer lejn il-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien. Meta wasal niżel minn fuq il-mantar u baqa' sejjer lejn il-knisja tal-Madonna tal-Qala. Hemm għex il-bqija ta' ħajtu. Hemm miet.



*Il-kripta u l-post fejn kien midfun San Kerrew. Tidher ukoll l-urna bil-fdal tal-eremita.*

Il-qabar tiegħu hu ċentru tad-devozzjoni. Ħafna jiġu biex jitolbuh xi grazzja, forsi xi fejqan minn xi marda. Ħafna ommijiet iġibu t-trabi tagħhom biex jitolbu lil San Kerrew. Fl-imgħoddi kien hemm mara xiħa li kienet tieħu t-trabi minn idejn l-ommijiet u tpoġġihom fl-għar ta' San Kerrew. Meta kienet titla' mill-għar kienet tgħid talba: "Ibdilhuli! Agħtini tiegħi!" Skont xi wħud, meta t-trabi kienu jkunu fl-għar, huma kienu jaraw lil San Kerrew. Ix-xiħa kienet tpoġġi libsa tat-tarbija fl-għar bħala ex voto.



*Grada tal-injam fl-art tas-santwarju li minnha kont tinżel ħdejn il-qabar ta' San Kerrew*

Referenzi:

5. Pisani, Ġ. *Għawdex Joħlom fil-Leġġendi.* op cit: 66-68.



FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

# Aħbar li ma tantx għamlet aħbar

Illum nixtieq naqsam magħkom "aħbar" li ftit għamlet ħoss imma li hija importanti ħafna fil-ħajja tal-Knisja kollha u l-aktar f'dawn il-waqtiet, meta qed tħejji ruħha jew aħjar qed tgħix "il-mixja sinodali". Fil-fatt il-Papa Franġisku ħabbar li s-sinodu tal-Knisja li jmiss ser jiġi ċċelebrat f'Ottubru 2023. Imma dan irid ikun, u huwa, sinodu għalkollox speċjali. Għax billi s-suġġett huwa l-KNISJA SINODALI, il-Knisja trid turi lilha nnifisha tassew bħala l-Poplu t'Alla, kollu, flimkien mal-isqfijiet u l-Papa.

Wara dak li ntqal fil-Konċilju Vatikan II (fl-1964) dwar il-Knisja bħala "poplu t'Alla" fil-kostituzzjoni dommatika, ilu jidher li wasal il-waqt li jsir pass ieħor 'il quddiem. Għalhekk il-Papa, flimkien mas-Segreterija tas-Sinodu, li minn Mejju 'l hawn hija mmexxija mill-Kardinal Mario Grech, talbu li l-mixja lejn is-sinodu tieħu sentejn. Hekk is-sehem tal-lajċi jkun aktar wiesa' u jinħass. Imbagħad is-sehem tagħhom u dak tas-saċerdoti u r-reliġjużi, flimkien mal-isqfijiet li jkunu qed jieħdu sehem, ikun aktar effettiv. Fuq kollox dejjem, imbagħad, dak li għandu jsir isir bl-approvazzjoni tal-Papa "mmexxi mill-Ispirtu s-Santu". B'dan il-mod "id-dokumenti ta' tħejjija" jiġu ppreparati b'sehem sħiħ u attiv tal-lajċi, il-korpi kostitwiti, l-assoċjazzjonijiet, il-movimenti, il-persuni kkonsagrati, ir-reliġjużi u s-saċerdoti u oħrajn li jistgħu jagħtu sehem.

Dan kollu jrid iġib u jwettaq vera riforma fil-Knisja. Mhux ir-riforma tal-istrutturi biss, imma u fuq kollox dik li tibda mill-persuni. Dwar dan tkellmu diversi drabi l-papiet tul l-aħħar 40 sena jew aktar. Imma l-Papa preżenti, sa minn meta sar papa f'Marzu 2013, ma waqafx jisħaq fuq dan.

U kien proprju fit-8 t'Awwissu li għadda,




meta huwa kien qiegħed jispjega l-intenzjoni tat-"talb għall-Papa", kif jagħmel kull xahar, li l-Papa Franġisku ġabar, nistgħu ngħidu fil-qosor, dak kollu li ilu jtenni, jirrepeti u jisħaq dwaru.

### L-intenzjoni ta' Awwissu kienet:

*"Nitolbu għall-Knisja*
*sabiex tirċievi mill-Ispirtu s-Santu*
*l-grazzja u l-qawwa*
*li tirriforma lilha nnifisha*
*fid-dawl tal-Evanġelju."*

U l-parti ċentrali tal-messaġġ tal-Papa li kienet fl-aħbarijiet tal-Vatikan nhar il-8 t'Awwissu (kif juri r-ritratt mill-YouTube) tgħid hekk:

*Nistieden lil kull wieħed u waħda*
*li jaħdmu lkoll għal bidla sħiħa tal-Knisja,*
*ħidma li tibda bir-riforma tagħna nfusna.*

*Dan isir b'esperjenza ta' talb, ta' mħabba u qadi...*
*imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu."*

Imma nistgħu ngħidu f'qalbna: "X'hemm ġdid f'dan? X'aħbar hija dawn il-ftit kelmiet?"

Hekk hu! Imma warajhom, u fil-fond tagħhom, hemm kważi tmien snin ta' ħidma. Il-Papa Franġisku, biex ma nsemmux papiet oħrajn, bosta u bosta drabi, lissen kliem hekk. Ukoll meta xi drabi kien mistoqsi mill-ġurnalisti, li jafu kemm huwa għal qalbu dan is-suġġett tar-riforma tal-Knisja, u saqsewh fiex waslet din ir-riforma. Il-Papa kien ifakkarhom, u jfakkar lilna lkoll, li fir-riforma u fit-tiġdid tal-Knisja kollox jibda minn kull wieħed u waħda minna.

Kliemu huwa ċar: "Il-Papa jistieden lil kulħadd jaħdem għall-bidla sħiħa tal-Knisja, ħidma li tibda bir-riforma tagħna nfusna." U dan huwa kliem li lili u lilek, u lil bosta, jista' ma jdoqqilniex, għax aħna mdorrijin dejjem nippuntaw subgħajna lejn ħaddieħor, lejn persuni u qagħdiet oħra, imma mhux lejna, għax din hija l-ikbar biċċa xogħol. Mingħalija l-President J. F. Kennedy kien qal li "l-iktar biċċa xogħol iebsa hija r-riforma tiegħek innifsek: jekk tkun solvejt din, tkun ħallejt l-ikbar problema tad-dinja..."

Ħidma bħal din fil-Knisja, itenni l-Papa, trid tibda minni stess "permezz ta' esperjenza ta' talb". Għaliex fit-talb veru nagħrfu min tassew huwa Alla, min jien jien u xi jrid Huwa minni, issa. U għalhekk jgħinna l-ewwel nagħrfu aħjar, u iktar, lilna nfusna, u bla dubju, jekk inkunu sinċieri, nagħrfu almenu bil-mod il-mod il-passi li rridu nagħmlu biex dan it-tiġdid jibda jseħħ.

Irridu nitgħallmu, u ngħinu lill-oħrajn, lil xulxin, inwettqu dan. Il-Papa Franġisku stess fl-ittra appostolika *Il-Ferħ tal-Evanġelju* (Nov. 2013) fil-paragrafi tad-deheb 259-266 jistedinna nsibu ftit ħin "spiss" ("ħin ta' kwalità") biex niltaqgħu mal-Mulej, inħalluh jiltaqa' magħna, ikellimna, nippruvaw nisimgħuh sewwa u naraw xi jkun irid minna... Jista' jkun il-Papa nnifsu, isqof, saċerdot u reliġjuż/a, membri f'moviment, uħud ġa attivi fil-pastorali, u aktar... u aktar... Niftakru, jgħidilna l-Papa, li Ġesù jkun ġa qed jistenniena u jkun irid jurina xi jrid minna, minni... minni personalment...

Hekk nittendu bil-mod il-mod il-pjan li l-Mulej innifsu għandu għalina u kif bina – bija, bik – inti min inti, b'dak li tagħmel u tgħid u tikteb, tista' tkun strument attiv għall-veru tiġdid, riforma li għandha bżonn il-Knisja f'dinja sekularizzata, anke madwarna, biex il-valuri tal-Evanġelju ngħixuhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Imma dan fuq kollox irid isir "taħt il-gwida tal-Ispirtu s-Santu". Niftakru li huwa dan l-Ispirtu li hu r-ruħ tal-Knisja, u li din tesprimi ruħha fl-għaqda tal-isqfijiet mal-Papa. Nistgħu noħorġu bl-isbaħ proposti, ideat, proġetti, programmi u elf ħaġa oħra... imma huwa l-Ispirtu li jmexxi kemm lilna kif ukoll lil dawk kollha li f'idejhom hi mħollija "l-għażla" tat-toroq tal-Mulej.

L-Ispirtu żgur f'dan il-waqt, u f'din il-mixja flimkien, ikompli jbierek lil dawk kollha li, l-aktar b'ħajjithom, fid-diversi ambjenti madwarna... ibda mill-familji, il-professjonijiet, il-ħidmiet ta' kuljum, it-tmexxija f'kull pożizzjoni, il-parroċċi u ħafna u ħafna ambjenti oħrajn, qegħdin jippruvaw.

B'dan il-kliem tal-Papa, fl-intenzjoni tat-talb għalih, u flimkien miegħu għall-Knisja, imsejjaħ b'mod hekk eżatt "l-appostolat tat-talb", inkomplu lkoll nitolbu biex il-ħidma fid-djoċesijiet u f'kull ambjent tagħha (parroċċi, għaqdiet, movimenti, eċċ...) titkompla ħalli lkoll nagħtu sehemna għal Knisja isbaħ, dejjem imġedda, li tkun strument aktar qawwi, ikompli jtenni l-Papa, "għall-vera evanġelizzazzjoni".



FR PAUL BUGEJA OFMCap

# Ħelu ta' San Franġisk ta' Assisi

Meta San Franġisk kien iżur Ruma kien jgħaddi għand mara tar-ruħ li kienet tilqgħu f'darha.

Kienet bint spiritwali tiegħu, tant li kien isejħilha Fra Jacopa. Hija kienet tħejjilu kwalità ta' ħelu li kien tant iħobb, l-hekk imsejħa "mustaccioli", li wara saru magħrufa bħala "l-ħelu ta' San Franġisk ta' Assisi".



## Ingredjenti:

250 gr dqiq
250 gr lewż mitħun
150 gr zokkor
3 mgħaref għasel
2 kuċċarini kannella mitħuna
2 kuċċarini kukkudina
kuċċarina baking powder
qoxra ta' larinġa u lumija maħkuka
ilma fietel
2 isfra tal-bajd



## It-tisjir:

1. Ħallat l-ingredjenti kollha flimkien u għaqqadhom bil-bajd u l-ilma sakemm tifforma għaġna.
2. Iftaħ l-għaġina għall-ħxuna ta' żewġ ċentimetri u aqta' forom ta' triangli.
3. Iksi pjanċa b'karta forn u poġġihom fuqha.
4. Aħmi ġo forn b'180°C għal madwar 10-15-il minuta.



FR WISTIN ATTARD OFMCap

# Tisliba Nru 195




1. Spirtu xejn mhu tajjeb. (1 Sam. 19,9) (5)
2. Din ma tgħaddix mill-passatur. (Mt. 23,.24) (6)
3. Armati b'din u l-lanza. (1 Kron. 12, 9) (5)
4. Hekk agħmel biha. (Prov. 5, 18) (5)
5. Fuq min sejjaħ il-leħen. (Dan. 8, 16) (4)
6. X'tahom jieklu. (Neħ. 9, 20) (5)
7. Alla mara tal-fertilità. (Imħ. 6, 25) (5)
8. Meta taraw lil din. (Bar. 6, 5) (5)
9. Minn hawn ileħħu r-raġġi. (Ħab. 3,4) (3)
10. Fihom nissel lil Oneżimu. (Film. 10) (7)
11. u 12. ... lill-poplu l-messaġġ. (Ħag. 1, 13) (6)
13. Dan ma jitħajjarx. (Ġobb. 33, 20) (6)
14. X'semgħu li ġralu. (Fil. 2, 26) (5)
15. Dan hu ... tagħhom. (Lev. 6, 11) (5)
16. X'qallu jagħmel lill-Mulej. (Ġw. 4, 49) (5)
17. Imma agħtu ruħkom lil Alla. (Rum. 6, 13) (5)
18. Ta' min huma l-għoljiet. (Dt. 1, 20) (7)
19. B'qalb ħanina u iżjed. (1 Pt. 3, 8) (4)
20. ... int, bniedem bħal dan. (Tit. 3, 11) (3)
21. X'ħasbuhom. (Għerf 13, 3) (5)
22. L-aktar li ħabb is-sultan. (Est. 2, 17) (5)

## Soluzzjoni għal Tisliba #194

1. Niket; 2. Pagani; 3. Fidil; 4. Sħiħa; 5. Ġenb; 6. Itlaq; 7. Ibati; 8. Ħlejt; 9. Ela; 10. Imħabba; 11. u 12. Jixraq; 13. Armati; 14. Rimja; 15. Ifraħ; 16. Arani; 17. Artna; 18. Isaffar; 19. Armi; 20. Mar; 21. Jimla; 22. Natan.

Agendabookshop

# AĦSEB U WIEĠEB

1. Ġesù qal li hu: ir-ragħaj it-tajjeb, il-mastrudaxxa, l-imgħallem. (Ġw. 10, 14)
2. Dan ir-raġel hu: qattiel, għadu, għodda magħżula. (Atti 9, 15)
3. Min tgħallem l-għanja: il-mifdija, ħadd, kulħadd. (Apk. 14, 3)
4. Qalilhom biex il-qamħ: iqegħduh fil-maħżen, jaħarquh, jaqsmuh. (Mt. 13, 30)
5. Ġesù bagħathom iġibulu: barri, żiemel, felu. (Mk 11, 2)
6. David u l-oħrajn daħlu d-dar u kielu: il-ħobż, il-ħelu, il-laħam. (Lq. 6, 3-4)
7. Merħla waħda u ragħaj: bieżel, wieħed, mikri. (Ġw. 10, 16)
8. Sawl dam mad-dixxipli: ġimgħa, xahar, ftit jiem. (Atti 9, 19)
9. Minn fommhom qatt ma ħarġet: kelma, gidba, għajta. (Apk. 14, 5)
10. Iż-żerriegħa tal-mustarda hi: l-iżgħar, l-eħxen, l-ikbar. (Mt. 13, 32)

## Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' Awwissu - Settembru 2021

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED**. Ir-rebbieħa jittellgħu bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħa tat-Tisliba Nru 194 huwa: ANTHONY PORTELLI li joqgħod Block D5, Flat 5, Triq il-Ħalġ, Ta' Xbiex - XBX 1325. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni AQTA' MIN Nru 42 huwa: FELIX PULIS MIFSUD li joqgħod "Marina Hse", Triq l-Ibraġ, Tal-Ibraġ. Nistiednu lir-rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

### 1. Borża ta' studju

sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

### 2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati

Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€10.

### 3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti

tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv. Għal darb'oħra bl-irċevuti tal-VAT li tibagħtulna kull xahar irbaħna s-somma sabiħa ta' €520. L-irċevuta ħarġet mit-TATER PET SHOP tan-Naxxar. Filwaqt li ngħidulkom grazzi nħeġġukom sabiex tkomplu tibagħtu dawn l-irċevuti u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni tagħna fil-Kenja.

### 4. BAZAAR b'risq il-missjoni

Minħabba l-kriżi tal-Coronavirus bħalissa l-bazaar b'risq il-missjoni fil-Furjana huwa magħluq. Għalhekk la qed isir bejgħ u lanqas qed naċċettaw għotjiet għall-bazaar. Minħabba f'hekk fil-mument preżenti la qegħdin naċċettaw materjal għall-bazaar u lanqas mediċina. Nitolbu kooperazzjoni sħiħa min-naħa tagħkom. GRAZZI.

### 5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta

sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.** Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, l-Imsida u San Ġiljan.

### 6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal

B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

### 7. Intenzjonijiet għall-quddies

Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

### 8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,

wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**




**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**


BOV **Kont Missjoni Kenja 40019998299**
HSBC **Kont Missjoni Kenja 089-021505-050**
APS bank **Kont Missjoni Kenja 2000039057-6**
BOV **Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646**
HSBC **Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052**